

# MADONNA TA' PINU

# MADONNA TA' PINU

perjodiku ta' kull xahrejn

VOL. II — SENA VIII — NRU. 32

JANNAR — FRAR 1987


Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.

*Kull korrispondenza għandha tkun indirizzata hekk:*


L-Editur,
"Madonna ta' Pinu",
Ċentru Kulturali Marjan,
Ta' Pinu, Għawdex.
Numru tat-Telefon: 556187.


**Abbonament għal sena:**

Lokali: 75ċ.
Sostenitur: Lm1.

Barra minn Malta: Lm1
Sostenitur: Lm2.


| | | |
|---|---|---|
| * | Il-Kelma tar-Rettur | 413 |
| * | Innoloġija Marjana | 414 |
| * | Church Unity and Our Lady | 417 |
| * | Il-Verġni Mqaddsa fil-Ministeru Pubbliku ta' Ġesù | 418 |
| * | It-Tagħlim ta' San Ċirillu, Isqof ta' Ġerusalem, fuq il-Madonna | 419 |
| * | Kalendarju Marjan | 422 |
| * | Il-Mara tat-Tnax-il Kewkba | 424 |
| * | Il-Patri Ġlormu minn Forlì, l-Italja | 427 |
| * | Mary, the Mother of God | 430 |
| * | Mill-Ħajja tas-Santwarju | 432 |
| * | Grazzi Madonna Għax Smajtni | 433 |


## INTENZJONI TA' DIN IL-ĦARĠA

Biex permezz ta' dan il-qari, id-devoti ta' Marija jersqu aktar lejn Binha Ġesù, is-Sultan tal-Paċi.

**STAMPA TAL-QOXRA:**

L-istampa tal-Qoxra turi l-Kwadru Mirakuluż li minnu l-Madonna Ta' Pinu kellmet lit-twajba Karmela Grima fit-22 ta' Ġunju, 1883. Dan il-kwadru, xogħol il-pittur Amadeo Perugino, tpitter fis-sena 1619. Din ix-xbieha tal-Madonna ġiet inkurunata mill-Kardinal Alessio Lepicier fl-1935.


*"Gozo Press", Tel. 551534.*

# *Il-Kelma tar-Rettur*



*Il-ġrajja tas-27 ta' Ottubru, 1986, li seħħet f'Assisi, il-belt ta' San Franġisk, ġibdet fuqha l-attenzjoni tad-dinja kollha. Għal jum wieħed, Assisi saret ċentru ta' Paċi u ta' Ekumeniżmu. Għall-ewwel darba fl-istorja, inġabru flimkien ir-rappreżentanti tar-reliġjonijiet il-kbar tad-dinja, li fuq stedina tal-Papa Ġovanni Pawlu II għaddew ġurnata ta' sawm u talb flimkien għall-kawża tal-paċi fost il-bnedmin. Fost ħwejjeġ oħra, f'din iċ-ċirkustanza għal kollox speċjali, il-Papa qal hekk: "Li ninsabu hawn biex nitolbu huwa fih innifsu stedina, illum, lid-dinja biex tagħraf li teżisti dimensjoni oħra tal-paċi u mod ieħor kif tista' tiġi mxerrda, li mhux ir-riżultat ta' negozjati, ta' kompromessi politiċi jew negozjati oħra possibbli. Iżda r-riżultat tat-talb, għalkemm fid-diversità tar-reliġjonijiet, jesprimi relazzjoni b'qawwa suprema li tgħaddi l-kapaċitajiet umani weħidhom."*

*Il-paċi hija don t'Alla, imma hija don li aħna rridu naħdmu għalih. Biex nakkwistaw il-paċi qabel xejn jeħtieġ li nikkultivaw u nkabbru fina r-rieda tajba. Meta aħna għandna dan il-pedament importanti, imbagħad inkunu wkoll disposti nissagrifikaw il-gosti u l-opinjonijiet tagħna, inkunu kapaċi nċedu l-fehmiet tagħna għal dawk li forsi huma aħjar; imbagħad inkunu lesti nittolleraw l-ideat ta' dawk li ma jaqblux magħna mingħajr ma noħolqu atmosfera ta' firda u qsim.*

*Immela, jekk irridu l-paċi fid-dinja, f'pajjiżna, fil-familja, kif wissietna l-Madonna fid-dehriet tagħha ġewwa Fatima, u kif għamel il-Qdusija Tiegħu l-Papa, hekk ukoll aħna jeħtieġ li nieħdu f'idejna l-arma qawwija tat-talb, li permezz tiegħu nersqu aktar lejn Ġesù li jixtieq u jrid jarana magħqudin bħal aħwa, ulied Missierna li hu fis-Smewwiet.*

*Għaldaqstant, nitolbu għalenija, nitolbu b'talba ħerqana lill-Omm tagħna Marija Sultana tal-Paċi u Omm tar-Rikonċiljazzjoni, li mis-Santwarju tagħHa ta' Pinu xxerred kontinwament kotra kbira ta' grazzji fuqna, Maltin u Għawdxin, biex imdawlin mill-eżempji sbieħ tagħHa, inkabbru fostna s-sentimenti nobbli tal-ħniena, u tal-maħfra, ta' l-Ispirtu ta' tolleranza u tal-karità nisranija, li huma t-triq waħdanija li twassal għall-għaqda u paċi vera.*

# INNOLOĠIJA MARJANA

Mill-
Eċċ. T. Mons.
Isqof N. Cauchi

# Ħruġ l-Ewwel u Dħul it-Tieni Millennju (12)

Mat-tbexbix tat-tieni millennju, baqgħet sejra bla ma' taqta' l-ġenerazzjoni ta' poeti li trawmu fil-monasteri ta' l-Ewropa u li għannew it-tifħir tagħhom lill-Madonna bil-lingwa latina. Veru li jonqsuna ħafna dettalji dwar ħajjithom u veru wkoll li xi wħud mill-innijiet jew poemi attribwiti lilhom huma spurji, jiġifieri minn studji serji li saru, irriżultaw li ma humiex tagħhom, iżda ta' awturi mhux magħrufa. Però, b'daqshekk wieħed ma jistax jasal biex jiċħad li l-fdalijiet ta' kitbiethom, li għadhom jeżistu, huma bħal ħaġar prezzjuż li jistħoqqlu jiġi mħares b'għożża kbira.

## Abbo ta' San Germain

Mhux magħruf meta twieled u meta miet il-poeta benedittin, li kien igħix fl-abbazija ta' Saint Germain-des-Près u li kien iġib l-isem ta' Abbo jew Abbon. Aktarx li miet wara s-sena 922, għaliex jiddeskrivi ġrajjiet li twettqu qabel dik id-data.

Il-marjoloġija ta' dan l-awtur għandha ċerta mportanza għaliex hija xhieda tat-twemmin li kellhom l-insara ta' żmienu dwar l-interċessjoni ta' l Imqaddsa Verġni Marija.

Fil-poema, "**De Bello Parisiano**", li jirrakkonta l-ġrajja tal-ħbit li kien hemm fuq il-belt ta' Pariġi fis-snin 885-886, Abbo jqiegħed fuq xufftejn l-isqof Goscelin dawn il-kliem fit-talba li jagħmel lill-Madonna, għall-ħarsien u l-għajnuna tagħha: "Omm tal Foddoj u tal Fidwa tad-dinja, kollok imħabba, kewkba tal-baħar, kollok dija, li tleqq iktar mill-kwiekeb kollha." F'din l-istess talba, jissemmew ħafna drabi t-titoli li juru u jfissru l-qawwa ta' Sidtna Marija, cioè s-setgħa ta' l-interċessjoni tagħha: "Sultana tas-Smewwiet", "Padruna tad-dinja", "Omm tas-Sultan il-għoli, li jistħoqqlu kull ġieh", "l-iktar qaddisa mill-għrajn kollha," u "l-iktar imbierka fost in-nisa."

Fl-istess poema, l-Isqof Goscelin, fil-waqt li jħeġġeġ lill-insara tal-merħla tiegħu sabiex iroddu "ħajr bla qies" lill-Madonna, hekk ikompli jitkellem dwar Pariġi: "Il-belt tirrisplendi bil-ġieh mogħti lill-wisq għolja Verġni Marija, li lilha hija kkonsagrata u li bil-għajnuna tagħha, aħna ngawdu l-ħajja u issa ninsabu meħlusin."

J. Leclercq O.S.B. ("Le Florilege' d'Abbon de S. Germain") fir-Revue du Moyen Age Latin, 3(1947) 119-140) jitkellem dwar antoloġija jew ġabra ta' madwar mija u ħamsin (150) silta li huma attribwiti lil dan il-poeta. Hija ħasra però, li ħafna minn dawk is-siltiet ma humiex awtentiċi; hekk per eżempju żgur li mhux Abbo kiteb id-diskors fuq "**it-tnax-il privileġġ ta' Marija**", iżda xi kittieb ieħor li s'issa ħadd ma rnexxielu jiskopri min hu. F'dan id-diskors jew priedka, huma affermati kemm it-tnissil bla tebgħa ta' Marija kif ukoll l-assunzjoni tagħha fis-sema. (Cfr. M. O'Carroll C. S. Sp. "Theotokos" paġ. 1).

## L-Ave Maris Stella

Xogħol ieħor li l-awtur tiegħu mhux magħruf b'ċertezza, huwa l-innu "Ave Maris Stella" u forsi mhux barra minn loku li nsemmuh hawnhekk, għad li żgur li nkiteb wisq qabel it-tmiem ta' l-ewwel millennju wara Kristu. Huwa wieħed fost l-innijiet l-iktar popolari lill-Madonna, li ġie tradott kważi fil-lingwi kollha, u jitkanta kullimkien fid-dinja kollha. L-istrofi tiegħu jiġbru fihom it-tagħlim teoloġiku essenzjali dwar Marija Omm Alla u Omm il-bnedmin. Huwa talba ta' l-aqwa sbuħija u sempliċità.

Dan l-innu jinsab fil-kodiċi tal-monasteru ta' San Gallo, tad-disa' seklu,

iżda aktarx li kien kompost madwar mitt sena qabel. Ma hemmx provi ċari min hu l-awtur ta' dan l-innu, għad li xi studjużi jattribwuh lil Pawlu d-Djaknu.

It-traduzzjoni bil-malti ta' dan l-innu "Sliem għalik, kewkba tal-baħar", tintuża fil-Liturġija tas-Sigħat fit-tieni vespri tal-Kommun tal-Madonna.

## San Pier Damiani

San Pier Damiani, Duttur tal-Knisja, twieled f'Ravenna, fl-Italja, minn ġenituri foqra fis-sena 1007 u miet fl-1072, fil-belt ta' Faenza. Peress li ommu u missieru mietu kien għadu tfajjel ta' ftit snin u ħallewh iltim, huwa ġie adottat minn ħuh il-kbir, li kien jibagħtu jirgħa l-bhejjem. Iżda aktar tard, bil-għajnuna ta' xi benefattur li ntebaħ bl-intelliġenza kbira ta' dan it-tifel, huwa beda jmur l-iskola fil-bliet ta' Faenza u ta' Parma, u sar surmast magħruf. Fl-1035, daħal ma' l-eremiti ta' Fonte Avellana u laħaq prijur ta' l-istess kommunità reliġjuża fis-sena 1043. Iddedika l-parti l-kbira ta' ħajtu biex jikkumbatti s-simonija u abbużi oħra, kif ukoll sabiex isawwar fil-Kleru drawwiet qaddisa. Fl-1057 ġie nominat Kardinal, Isqof ta' Ostia. Ħa sehem f'diversi sinodi u kemm-il darba ġie magħżul mill-Papa, bħala Legat tiegħu, għall-missjonijiet importanti fi Franza u fil-Ġermanja. Fis-sena 1828, il-Papa Ljun XII, ipproklamah Duttur tal-Knisja u ried li l-festa tiegħu tiġi ċċelebrata fid-dinja kollha.

Pier Damiani huwa qabel xejn moralista u axeta li kien ta' għajnuna kbira għall-papiet ta' żmienu fil-ħidmiet tagħhom biex jirriformaw il-Knisja u jġedduha skond l-ispirtu tal-Vanġelu. Fost il-kitbiet tiegħu hemm ġabra ta' ittri, madwar sittin, kif ukoll xi trattati żgħar fuq suġġetti storiċi, teoloġiċi u dwar il-liġi tal-Knisja. Fadal ukoll minn tiegħu madwar ħamsin priedka, xi ħajjiet tal-qaddisin u saħansitra xi poeżiji. (P.L. 144-145).

Il-marjoloġija ta' San Pier Damiani nsibuha l-iktar fiż-żewġ priedki tiegħu dwar in-nativitа̀, f'xi siltiet minn priedki oħra, f'xi wħud mit-trattati qosra tiegħu, u anke fl-innijiet u fit-talbiet tiegħu lill-Madonna.



San Pier Damiani

Fit-tagħlim ta' dan id-Duttur tal-Knisja, huma mfissrin b'mod ċar, il-maternità tal-Madonna (Theotokos), il-verġinità tagħha, qabel it-twelid, fit-twelid u wara t-twelid ta' Kristu, il-perfezzjoni u l-qdusija tagħha, is-sehem tagħha fl-opra tal-fidwa, u x-xebha li hemm bejn Marija u l-Knisja.

Dwar ir-relazzjoni bejn il-Madonna u l-Ewkaristija, San Pier Damiani kiteb hekk: "L-istess ġisem ta' Kristu, li l-Verġni Santissima nisslet, refgħet fi ħdanha, geżwret fil-ħrieqi u rabbiet bl-għożża ta' omm, l-istess ġisem u xejn ħliefu huwa dak li issa mingħajr ebda dubju, qed naraw fuq l-artal imqaddes." (P.L. 144, 743 B).

Id-devozzjoni tiegħu lejn l-Imqaddsa Verġni Marija kienet qawwija u sinċiera.

Għamel minn kollox biex irawwamha fl-oħrajn; għalhekk insista fuq ir-reċita tal-Uffiċċju ż-żgħir, li huwa kien ikkompona, it-talba tal-Angelus, id-devozzjonijiet tal--Ferħat tal-Madonna u tas-Sibt, jum iddedikat lilha, kif ukoll it-talba ta' konsagrazzjoni lil Omm Alla, bħala bidu ta' ħajja li tixbah il-jasar ta' l-imħabba.

Fl-innijiet tiegħu lil Marija, isejħilha "ġnien magħluq, għajn issiġillata, ħatar niexef ta' Aaron li minnu ħareġ il-fjur, is-siġra bil-fjammi tan-nar li ma tikkonsmax" (Rythmus de S. Maria Virgine P.L. 145, 938 AB), kif ukoll, "bieb tal-Ġenna, sellum tas-Sema, taraġ li jgħaqqad is-sema ma' l-art, il-qiegħ mal-qċaċet tas-sema" (Op. Cit. P.L. 145, 937 D).

## Adam ta' San Vittore

Fil-bidu tas-seklu tnax, cioè madwar is-sena 1109, ġiet imwaqqfa minn Gulielmu de Champeaux qrib Pariġi, l-Abbazija hekk imsejħa "ta' San Vittore". L-irħieb li kienu jgħixu fiha kienu kanoniċi regolari ta' Sant'Wistin u xi wħud minnhom baqgħu magħrufa għall-istudju tat-teoloġija mistika. L-ewlenin kienu Ugo ta' San Vittore li miet fl-1142 u Rikkardu ta' San Vittore, li miet fl-1173. L-abbazija kienet imżejna bl-aqwa xogħlijiet tal-arti u dekorazzjonijiet mill-isbaħ, peress li diversi papiet u ħafna familji nobbli kienu benefatturi tagħha. Fi żmien qasir wara t-twaqqif tagħha, saret ċentru ta' tagħlim u ta' spiritwalità. L-iskola ta' din l-abbazija, flimkien ma' dik ta' St. Genevieve u dik tal-Katidral ta' Notre Dame, kienu l-ewwel nieqa ta' l-Università ta' Pariġi. L-abbazija ntemmet mar-Rivoluzzjoni Franċiża u fl-1880 il-knisja tagħha u l-bini anness magħha ġew ikkonfiskati u l-bibljoteka mxerrda 'l hawn u 'l hemm.

Iżda Adam ta' San Vittore huwa magħruf edukazzjoni tiegħu f'Pariġi u madwar is-sena 1130, sar membru tal-kommunità li kienet tgħix fl-abbazija jew monasteru li semmejna. Ħafna xogħlijiet ta' proża huma attribwiti lilu, fosthom dizzjunarju tal-kliem diffiċli li hemm fil-Bibbja.

Iżda Adam ta' San Vitor, huwa magħruf l-iktar minħabba l-għadd kbir ta' sekwenzi li jaħsbu li ħarġu mill-pinna tiegħu. Dawn huma innijiet bil-latin, mill-isbaħ, li jitkantaw fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi, fosthom wieħed għall-festa ta' San Stiefnu, ieħor għall-festa ta' San Ġwann l-Evanġelista, u tnejn b'tifħir lill-Madonna, "**Salve Mater Salvatoris**" u "**Supernae Matris Gaudia**". Mhux magħruf b'ċertezza meta miet Adam ta' San Vittore, jekk hux fl-1177 jew fl-1192.

Fil-kitbiet tiegħu, niltaqgħu ta' spiss ma' simboli jew espressjonijiet meħudin mit-Testment il-Qadim u li bihom jagħti ġieh lill-Verġni Mbierka. Għalhekk hu jxebbahha mat-"tron ta' Salamun", mas-"siġra mkebbsa bin-nar". Jagħmel ukoll kuntrast bejn Eva u Marija; "Eva wildet il-hemm, il-Verġni Marija tatna bil-ferħ, il-frott tal-ħajja."

Fuq kollox dan l-awtur jinsisti fuq l-interċessjoni ta' Sidtna Marija, li hija konsegwenza tal-medjazzjoni tagħha u tas-setgħa li taha Alla: "O Marija, Omm Alla, inti l-quċċata tat-tama, wara Alla, kenn mixtieq, faraġ tal-imnikktin, inti li tqajjem il-mejtin u ċċarrat ix-xbieki tal-mewt."

L-awtur Franċiż Auguste Nicolas, jirrakkonta dan li ġej dwar l-innografu li qegħdin insemmu ("La Vergine Maria e i Disegni Divini" — prima versione italiana — Napoli 1857 — Epilogo p. 321):

"Jingħad dwar Adam ta' San Vittore, il-kbir poeta latin tal-Medju Evu, li kien jispira ruħu fil-kitbiet poetiċi tiegħu, billi jmur fil-knejjes fejn ikunu ser jiġu kantati l-innijiet tiegħu. U meta kien ikun ser jikteb xi innu f'ġieh il-Madonna, kien imur jimmedita fi kripta ta' knisja abbazjali, ikkonsagrata sa mill-qedem lil Omm Alla.

Jum wieħed, waqt li Adam kien f'dik il-kripta, ħass il-qawwa tal-ispirazzjoni u kiteb l-ewwel strofi tal-għanja "**Salve Mater Salvatoris**". Meta wasal fl-aqwa ta' l-innu, "Salve Mater pietatis/et totius Trinitatis/nobile triclinium" (Sliem għalik, Omm il-ħniena, tat Trinità kollha, għamara għażiża), il-kappella mtliet bid-dawl u dehritlu l-Madonna, baxxiet kemmxejn rasha u bit-tbissima tagħha, donnha riedet troddlu ħajr għall-qima tiegħu."

# Church Unity and Our Lady

*James McMillan, S.M.M.*

Christ our Lord prayed at the Last Supper: "That all may be one, as You Father in Me and as I in You, that the world may know that You have sent Me."

His prayer for unity among His followers is as valid today as it ever was. And it is painfully noticeable that those who profess to be His followers are, to a great extent, divided among themselves as to how they should follow Him.

We are still living with the effects of various schisms and reformations that have split the followers of Christ into disparate groups. It is true that, within the past many years, the members of the different churches have come to a better understanding of each other, a more tolerant attitude toward their varying beliefs. In some instances, there have been attempts to reconcile these beliefs by forming some sort of union.

To date, however, while the efforts are to be commended, the results are far from what Our Lord envisioned in His prayer at the Last Supper.

There are many points of belief that divide Christians: the infallibility of the pope, the nature of apostolic succession, the validity of prayer to the saints, the presence of Christ in the Eucharist, and a host of other considerations that keep them apart. Among these is the type of veneration that should be given to the Mother of the Redeemer.

Many of our fellow Christians see her as a great stumbling block to the kind of unity that Christ prayed for. There are times when it is virtually impossible to explain that there is no reason for her to be an obstacle, that this is only a figment of the imagination with no basis in reality.

Fortunately, and through the grace of God and Our Lady, there are also those



encouraging moments in ecumenical work when Our Lady is no longer seen as an obstacle, but as a positive factor toward the advancement of Christian unity.

It does happen that, when her role in our Redemption is properly explained, without any attempt to water down Catholic doctrine, her function becomes acceptable. Even those who were once strongly opposed to Catholic belief in her regard can be brought to view her as as asset instead of a stumbling block.

One way to accomplish this is to present Our Lady as the perfect model for the follower of Christ. To do this, it is important to present her as the scriptures present her, to explain her role from the time of the Incarnation to the day of Pentecost, to

show her as the associate of Christ in the work of our Redemption. All of our separated Christian brethren profess to have an interest in and a love for the Bible. But it is remarkable how few of them really understand how the inspired Word of God shows her to be the very model of a follower of Christ.

Too often they read meanings into the text of the Bible that were never intended. They picture Christ as rebuking her at the marriage feast of Cana, of repudiating her publicly for appearing during His public life, of preferring His followers to her, of downgrading her motherhood in preference to the faith of His disciples.

But these objections — based on misreadings of the gospels — disappear when the real meaning of the text is shown: that she is truly the Mother of unity and should be our model of Christian unity.

She was the one who united God and man at the time of the Incarnation: "Be it done unto me according to Thy word". She was the one who showed Christ to the world in the persons of the shepherds and the Wise Men from the East. She searched for Him for three days when He was lost. She asked Him to perform His first miracle at the marriage feast of Cana, so that "His disciples believed in Him." She stood at the foot of the cross, united with Him to the very end.

Our own experience in ecumenism — little as it is — has shown excellent results when Our Lady is presented to separated Christians directly from the gospel accounts. It takes some effort and a great deal of patience at times, but the results are certainly worth the time and trouble. And there is a great deal of satisfaction to be derived from seeing someone who was once opposed to the very notion of Our Lady being mentioned becoming aware that she is indeed the Mother and Model of the kind of unity that Christ prayed for.

We ask all of our readers to keep this intention in their prayers. It is, after all, the wish of Christ Himself: "That all may be one, as You Father in Me and as I in You."

*From: "Queen of All Hearts", January-February, 1985.*

# IL-VERĠNI MQADDSA FIL-MINISTERU PUBBLIKU TA' ĠESÙ

Lil Marija naraw tidher,
meta Binha ħalla s-skiet
tad-dar tagħha, u mar jaqdi
dmir li minnu l-Missier ried.

L-ewwel għaġeb li sar minnu,
seħħ bl-indħil t'Ommu Marija;
L-ilma biddel fi nbid tajjeb,
b'ferħ l-għarajjes ġew mimlija.

L-Omm lil Binha semgħet igħallem
kemm hi kbira s-Saltna tiegħu.
Hienja dawk li jħarsu kelmtu,
bħalHa, b'hekk jingħaqdu miegħu.

B'fidi sħiħa mxiet fil-ħajja,
dejjem tiegħu baqgħet qrib;
insibuha wkoll fuq l-għolja,
wieqfa hemm ħdejn is-salib.

Fit-tbatija, s-sagrifiċċju,
miegħu ngħaqdet b'qalb ta' Omm;
"Mara, hawn ibnek", ħudu b'tiegħek,
ta' Ġesù lissen il-fomm.

F'dana l-iben, lilna wliedha
ħadet taħt il-ħarsien tagħha;
bħalma l-Vittma offriet li wildet,
'l Alla lilna toffri magħha.

**SR. M. ĠUSTINA BONELLO, O.S.B.**

# It-Tagħlim ta' San Ċirillu, Isqof ta' Ġerusalem, fuq il-Madonna




*Adattament ta' l-artiklu* **"Com'era presentata la Vergine ai Catechumeni"** *fir-Rivista "Madre di Dio", Agosto-Settembre, 1986.*

*Minn* **FR. ALBERT CURMI**

Wieħed mill-akbar missirijiet tal-Knisja u li ftit huwa magħruf minħabba l-persekuzzjonijiet ta' l-Arjani, li minħabba fihom kellu jħalli għal tliet darbiet id-djoċesi tiegħu, huwa San Ċirillu ta' Ġerusalem. Rigward id-data u l-post fejn twieled ma hemm xejn b'ċertezza, għax il-fama tiegħu bdiet tidher wara l-konsagrazzjoni tiegħu bħala isqof, li ġrat mill-isqof San Massimu li wara sar minfloku fis-sedi ta' Ġerusalem. Ħafna kienu jaħsbu li hu kien imxaqleb ma' l-Arjani, imma din l-idea ġiet miċħuda minħabba fil-persekuzzjoni kontinwa li kellu minnhom stess, speċjalment dik ta' l-isqof Akaċju li f'dak iż-żmien kien isqof ta' Ċesarea.

Fost it-tagħlim tiegħu bħala kap tal-knisja ta' Ġerusalem, insibu 23 lezzjoni li kien jagħti lill-Katekumeni (dawk in-nies li kienu qed iħejju ruħhom biex jitgħammdu nhar Sibt il-Għid). Ħamsa minn dawn il-lezzjonijiet huma fuq tliet sagramenti li l-iktar kien jisħaq fuqhom f'dawk iż-żminijiet, jiġifieri: il-Magħmudija, il-Griżma ta' l-Isqof u l-Ewkaristija. Dawn is-sagramenti kellhom tant importanza għax fuqhom kienet tinbena l-Komunità Nisranija. Imma x-xogħol li l-iktar huwa magħruf għalih dan il-qaddis, kien it-tagħlim sod u qawwi fuq il-Madonna.

## Il-Verġni Marija fit-tagħlim tiegħu

Waqt li dan l-isqof kien jagħti tagħlim fuq l-"Għaxar Dommi" li fihom kienu jiġbru bħal f'sintesi, it-tagħlim kollu tal fidi nisranija; meta kien jasal biex jitkellem fuq il-Misteru ta' l-Inkarnazzjoni ta' l-Iben t'Alla, huwa kien jisħaq fuq il-ħtieġa tal-Madonna, li b'kollaborazzjoni ma' l-Ispirtu s-Santu Hija saret Omm ta' Ġesù Kristu. Għalhekk fil-Lezzjoni 4 Kap 9 igħid: "Trid temmen li dan l-Iben t'Alla niżel mis-sema hawn fl-art minħabba fi dnubletna, billi libes l-istess natura tagħha, suġġetta għall-istess kundizzjonijiet umani. Twieled minn Verġni Mqaddsa u mill-Ispirtu s-Santu." Minn dawn il-kelmiet wieħed jista' jifhem kif it-tagħlim marjan ta' dan l-

isqof huwa prinċipalment fuq il-Misteru ta' l-Inkarnazzjoni. Din il-verità tista' tidher iktar ċara meta fil-lezzjoni 12 joffri bosta riferenzi u żviluppi fuq il-persuna u l-missjoni ta' Marija. Dan it-tagħlim iwassal għall-kelmiet tal-Kredu: "Inkarnat, magħmul bniedem" u fil-kelmiet Emmanuel — Alla magħna (Is 7:14).

Il-kliem ta' l-Isqof Ċirillu fis-sustanza tiegħu juri l-figura ta' Kristu, dak li huwa l-protagonista waħdieni u esklussiv ta' dan il-misteru. Ma' dan ix-xogħol hekk delikat, l-istess isqof, idaħħal ħafna persunaġġi oħra li kellhom x'jaqsmu u li għenu ħafna fil-milja ta' dan il-misteru. Fost dawn il-persunaġġi nsibu lill-istess Verġni Omm li għandha koperazzjoni sostanzjali u importanti ħafna. Huwa jpoġġi lil din l-Omm ta' Kristu f'kuntest reali, bħal ma reali huma r-raġunijiet li għalihom kien ġie Kristu fid-dinja. Din il-konformità tidher minn dawn il-kelmiet tal-lezzjoni 4 meta jgħid: "L-inkarnazzjoni tiegħu (Ġesù) ma saritx b'mod fantastiku (jiġifieri trid timmaġinah b'moħħok) jew li ma jidhirx; imma b'mod tassew reali u li tassew jidher. Ġesù ġie fid-dinja permezz ta' Marija, mhux bħal xi kanal li minnu għadda l-ilma biex isaqqi, jiġifieri Marija ma kenitx sempliċement mezz biex Ġesù seta' daħal fid-dinja; imma verament ħa l-ġisem minnha u trabba mill-istess ħalib tagħha. Li kieku l-Inkarnazzjoni kienet biss xogħol tal-fantasija, hekk ukoll kienet tkun il-fidwa. Fi Kristu kien hemm żewġ aspetti: il-bniedem li kien jidher fih, u Alla li baqa' ma jidhirx". Bħala konklużjoni, l-Inkarnazzjoni ta' Kristu kienet tidher b'mod tant ċar, li l-Katekumeni tal-Knisja ta' Ġerusalem kienu jithejjew għaliha permezz ta' Marija.

## Marija, l-Omm Verġni ta' l-Iben t'Alla

Għalkemm l-aċċent qawwi dejjem jaqa' fuq il-persuna ta' Alla magħmul bniedem, però Ommu dejjem kienet imdaħħla f'dan it-tagħlim li kien isir lil dawk li kienu jhejju ruħhom għall-Magħmudija. Hekk igħallem fil-lezzjoni 12 kap 1: "Ejjew Infaħħru lil Alla b'xufftejn indaf, lil Alla li twieled minn Verġni..."

Għal dan it-tagħlim, San Ċirillu seta' jobsor li anke l-Katekumeni setgħu jiddarsu minħabba fl-ereżija ta' dak iż-żmien, għax l-Arjani qatt ma setgħu iniżżlu li ħlejqa wild Adam setgħet tkun ukoll it-"Theotokos" — Omm Alla u fl-istess ħin tibqa' verġni. Imma kien hawnhekk stess li fil-lezzjoni 12 kap. 2 kien igħallimhom kif għandhom jiddefendu ruħhom kontra dan il-qerq Għalhekk huwa kien igħallem: "Kienet tkun ħaġa tassew flokha li kieku wieħed kellu jistaqsi lil-Lhud din il-mistoqsija: 'Kienet ħaġa vera jew gidba l-profezija ta' Isaija meta qal li l-Emmanweli kellu jitwieled minn waħda Verġni? Jekk huma jakkużawh b'gidba, ma kenitx ħaġa barra minn lokha, (fl-aħħar mill-aħħar huma kienu mdorrijin, mhux biss jakkużaw lill-profeti minn gideb imma wkoll ġew li ħaġġruhom). Imma jekk il-profeta qal il-verità, allura għandkom taċċettaw l-Emmanweli, dak li kellu jiġi u li intom qegħdin tistennew, twieled jew le minn Verġni? Jekk le, qegħdin takkużaw lill-profeta b'gidba. Jekk intom qegħdin taħsbu li dan ser jiġri fil-ġejjieni għaliex qegħdin tiċħdu dak li ġà ġara?" Mannuqqas ta' fidi li kellhom il-Lhud, kien hemm l-iżbalji ta' l-eretiċi li flimkien kienu joffru okkażjoni sabiħa, biex dan l-isqof jagħti ċerti preċiżjonijiet fit-tagħlim tiegħu. Fil-lezzjoni 12 kap. 3 igħid: "Aħna nemmnu u naċċettaw li l-Verb t'Alla sar bniedem veru mhux mir-rieda ta' raġel u mara, kif igħidu l-eretiċi, imma skond ma jgħid il-Vanġelu: 'Sar bniedem minn Verġni bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu', u li dan ġara mhux bħal xi ħaġa apparenti, imma bħala realtà vera. Hu sar bniedem permezz ta' Verġni u b'dan it-tagħlim wieħed għandu jaċċetta l-provi kollha għax l-iżbalji ta' l-eretiċi huma kbar.'

Kien xogħol ta' importanza kbira li l-Katekumeni jitgħallmu kif Alla kien għażel il-Misteru ta' l-Inkarnazzjoni biex seta' jifdi l-umanità. Għalhekk biex seta' jfiehem il-parti importanti li kellha Marija f'din il-missjoni huwa kien jagħmel il-paragun bejn Eva u Marija, billi fil-lezzjoni 12, kap. 15 qal: "Il-mewt daħlet fid-dinja permezz ta' verġni — Eva; kien hemm bżonn li permezz ta' verġni oħra, anzi minn verġni oħra kellha tiġi l-ħajja; biex kif is-serpent daħak bl-ewwel waħda, hekk Gabrijiel ta lill-oħra l-aħbar it-tajba". F'dan it-tagħlim, Ċirillu kien dejjem joqgħod għat-tagħlim

ta' l-Iskrittura. F'dawn l-okkażjonijiet, hu reġa' nsista fl-istess lezzjoni 12, kap. 15: "Jeħtieġ naraw minn min kien ġej u kif ġej. Dan igħidulna Isaija: 'Araw il-Verġni titqal u jkollha iben li ssemmih Emmanuel'." Il-Lhud ma' din l-asserzjoni l-inqas kienu jaqblu u qalu li t-tifel li kellu jitwieled kien Eżakjel, iben is-suċċessur tar-re Akaz. Għal dan għaraf jirrispondi wkoll l-isqof Ċirillu billi qal li ma kienx hemm bżonn tħabbar dak li kien ġara 9 snin qabel, u Isaija kien ċar biżżejjed meta qal: "Għad ikollha tifel, mhux kellha tifel". Għalhekk l-Iben ta' din il-Verġni kien Kristu.

## Il-Karattru divin tal-Maternità tal-Madonna

Bħall-missirijiet tal-Knisja kollha ta' qabel il-Konċilju ta' Efesu, l-isqof Ċirillu ma tantx jinsisti fuq il-kelma teknika "Theotokos" (Omm Alla) tant li fit-tagħlim tiegħu nsibuha darba biss din il-kelma (Lez. X kap. 19), però nistgħu nibqgħu ċerti li hu kien jemmen bis-sħiħ fil-maternità divina tal-Madonna u żgur ukoll li kien igħallimha lill-Katekumeni bħala verità tal-fidi. Huwa kien jinsisti wkoll fuq l-insara tiegħu li Ġesù Kristu huwa l-Iben t'Alla u l-Iben ta' Marija (Lez. 7 kap. 9 u Lez. 12 kap. 1) u bħala tali għandu jiġi adurat meta qal: "Ma hijiex ħaġa qaddisa li tadura sempliċi bniedem; iżda inqas ma hija ħaġa tajba li tgħid li Hu (Kristu) kien biss Alla, kif verament hu, bla ma kien ħa n-natura umana, il-għaliex li kieku Kristu kien biss Alla, aħna konna nibqgħu mbegħdin mis-salvazzjoni. Hu għandu jiġi adurat bħala Alla imma rridu nemmnu wkoll li Hu sar bniedem. Ma hijiex ħaġa tajba li ssejjaħlu bniedem billi tneħħi d-divinità tiegħu; imma l-inqas ma hija ħaġa ta' salvazzjoni li tgħid li Hu kellu d-divinità mingħajr l-umanità" (Lez. 12 kap. 1). Dan it-test jiġbor fih ġabra fil-qosor tat-teoloġija ta' l-għaqda ipostatika (natura ta' Alla u natura ta' bniedem fil-persuna waħda). Għalhekk għad li l-Verġni mbierka tat lil Ġesù n-natura ta' bniedem, għandha bid-dritt kollu tiġi msejħa l-OMM T'ALLA.

## Ġesù twieled minn xebba

Skond l-Isqof Ċirillu, it-twelid verġinali ta' Ġesù mill-Madonna huwa wieħed mill-akbar mirakli li qatt saru. Dan it-tagħlim kellhom ikunu jafuh sewwa l-Katekumeni biex jikkumbattu d-disprezz tal-pagani rigward din il-verità. "Kien xieraq li dak li kien twieled minn ġuf ħlejqa u mgħallem tal-verġinità, jieħu l-ġisem tiegħu f'ġuf verġinali (Lez. 12, k. 25). Biex ikompli jsaħħaħ dan it-tagħlim fuq dan il-misteru huwa jsemmi d-drawwa li ġà kienet teżisti fost is-saċerdoti li jastienu, almenu għal xi żmien, mill-użu taż-żwieġ; huwa qal: "Jekk jitbiegħed mill-mara dak li jagħmilha ta' qassis ta' Ġesù, kif seta' jiġri dan permezz ta' raġel u mara, fil-kas ta' Kristu. Huwa jagħti prova oħra mill-vers 10 tas-Salm 21: "Huwa int li ħadtni sa minn ġuf ommi". Ċirillu jiġbed l-attenzjoni tal-Katekumeni tiegħu meta jgħidilhom: "Ifhmu sewwa din l-espressjoni: 'Int ħadtni minn ġuf ommi'. Tfisser li hu ġie kkonċepit u maħruġ mill-ġuf ta' verġni mingħajr il-bżonn ta' raġel, li huwa kuntrarju għal dak li jiġri fiż-żwieġ." Fir-rigward tal-Lhud, l-Isqof jistaqsi u jgħid: "La huma kienu jemmnu li Alla jseddaq ġuf verġinali bħal ma kien dak ta' Sara, kif ma setax Alla jseddaq ġuf verġinali bħal dak ta' Marija? Fl-aħħar mill-aħħar din il-verità kienet fil-Vanġelu għax l-anġlu stess qalilha: L-Ispirtu s-Santu jinżel fuqek, eċċ..."

Dan it-twelid ta' Ġesù minn Omm Verġni flimkien mal-verġinità perpetwa tagħha fetaħ kamp kbir ta' mħabba lejn din il-virtù, fil-knisja kollha, mingħajr distinzjoni fil-ħajja ta' l-insara. Hawn l-Isqof Ċirillu jerġa' jgħid: "Dawk li jħaddnu l-kastità huma anġli li jgħixu fuq l-art. Il-Verġni għandhom posthom mal-Verġni Marija...Fihom ikun hemm il-fwieħa tat-talb, tal-opri tajba, flimkien mal-qdusija tal-ġisem, biex hekk l-Iben tal-Verġni jista' jgħid lilna wkoll, irġiel kasti u nisa bil-kuruna. Jien ngħix fosthom, nimxi magħhom, u jien inkun Alla tagħhom u huma jkunu l-poplu tiegħi" (Lez. 12 k. 34). Hawn nistgħu nagħrfu punt importanti fuq it-teoloġija tal-mara: "L-ewwel il-mara kienet obbligata li trodd ħajr lir-raġel, għax Eva, imwielda minn Adam, imma ma kenitx ikkonċepita minn omm kienet sa ċertu punt imwielda minn Adam, għall-kuntrarju issa, Marija ħallset dan id-dejn, ma ġibitx fi ħdanha permezz ta' raġel, imma minnha nfisha, permezz ta' l-Ispirtu

*ikompli f'paġna 426*

# KALENDARJU MARJAN

## 1987 JANNAR 1987

1. Solennità tal-Verġni Marija Omm Alla.
2. Il-Madonna tal-Pilar (Saragossa, Spanja).
3. Il-Madonna ta' Sikem (Palestina Ċentrali).
4. L-Ewwel Sibt tax-xahar. Jum ta' devozzjoni lejn il-Qalb Immakulata ta' Marija.
7. Jum ta' devozzjoni lejn il-Madonna ta' Pinu.
8. Il-Madonna ta' l-Għajnuna f'waqtha. (New Orleans, La.).
14. Jum ta' devozzjoni lejn il-Madonna ta' Pinu.
15. Il-Madonna tal-Għelejjel (Syria).
21. Jum ta' devozzjoni lejn il-Madonna ta' Pinu.
    Il-Madonna tal-Konsolazzjoni.
23. Iż-Żwieġ tal-Madonna.
24. Il-Madonna tal-Paċi.
    Tibda n-novena bi thejjija għall-festa tal-Purifikazzjoni.
    L-Ewwel Sibt tal-Madonna ta' Pompej.
28. Jum ta' devozzjoni lejn il-Madonna ta' Pinu.
30. Il-Madonna tal-Warda (Lucca, Italja).
    Il-Patroċinju ta' Marija.
31. It-Tieni Sibt tal-Madonna ta' Pompej.

## 1987 FRAR 1987

2. Il-Preżentazzjoni tal-Mulej. Il-Purifikazzjoni tal-Madonna.
4. Jum ta' devozzjoni lejn il-Madonna ta' Pinu.
7. L-Ewwel Sibt tax-xahar. Jum ta' devozzjoni lejn il-Qalb Immakulata ta' Marija.
   It-Tielet Sibt tal-Madonna ta' Pompej.
11. Jum ta' devozzjoni lejn il-Madonna ta' Pinu.
    L-Ewwel Dehra tal-Madonna ta' Lourdes.
14. It-Tieni Dehra tal-Madonna ta' Lourdes.
    Ir-Raba' Sibt tal-Madonna ta' Pompej.
18. Jum ta' devozzjoni lejn il-Madonna ta' Pinu.
    It-Tielet Dehra tal-Madonna ta' Lourdes.
19. Ir-Raba' Dehra tal-Madonna ta' Lourdes.

20. Il-Ħames Dehra tal-Madonna ta' Lourdes.
21. Is-Sitt Dehra tal-Madonna ta' Lourdes.
    Il-Ħames Sibt tal-Madonna ta' Lourdes.
23. Is-Seba' Dehra tal-Madonna ta' Lourdes.
24. It-Tmien Dehra tal-Madonna ta' Lourdes.
25. Jum ta' devozzjoni lejn il-Madonna ta' Pinu.
    Id-Disa' Dehra tal-Madonna ta' Lourdes.
26. L-Għaxar Dehra tal-Madonna ta' Lourdes.
27. Il-Ħdax-il Dehra tal-Madonna ta' Lourdes.
28. It-Tnax-il Dehra tal-Madonna ta' Lourdes.
    Is-Sitt Sibt tal-Madonna ta' Pompej.

## 1987 MARZU 1987

1. It-Twaqqif tal-Festa tal-Immakulata minn Sistu IX (1476).
   It-Tlettax-il Dehra tal-Madonna ta' Lourdes.
2. L-Erbatax-il Dehra tal-Madonna ta' Lourdes.
   Il-Madonna tad-Dehriet (Madrid).
4. Jum ta' devozzjoni lejn il-Madonna ta' Pinu.
   Il-Ħmistax-il Dehra tal-Madonna ta' Lourdes.
6. Il-Madonna ta' Nazareth (Pier-Noire, Portugall).
7. L-Ewwel Sibt tax-xahar. Jum ta' devozzjoni lejn il-Qalb Immakulata ta' Marija.
   Is-Seba' Sibt tal-Madonna ta' Pompej.
8. Il-Madonna tal-Virtujiet. (Lisbona).
11. Jum ta' devozzjoni lejn il-Madonna ta' Pinu.
12. Il-Madonna tal-Mirakli.
13. Il-Madonna tal-Imperi (Ruma).
14. It-Tmien Sibt tal-Madonna ta' Pompej.
    Il-Madonna ta' Kostrama (Russja).
16. Il-Madonna tal-Fontana (Kostantinopli).
17. It-twaqqif tal-Uffiċċju tal-Madonna.
18. Jum ta' devozzjoni lejn il-Madonna ta' Pinu.
21. Id-Disa' Sibt tal-Madonna ta' Pompej.
25. Is-Solennità tat-Tħabbira tal-Mulej.
    Jum ta' devozzjoni lejn il-Madonna ta' Pinu.
28. L-Għaxar Sibt tal-Madonna ta' Pompej.
31. Il-Madonna tas-Salib Imqaddes.



# Il-Mara tat-Tnax il-Kewkba

*minn*

**Patri Bonaventura Camilleri O.F.M. Conv.**

## Marija, Omm Alla

**Marija Verġni hija tassew OMM ALLA. Kif? Jista' jkun dan? Għax donnu m'hemmx tqabbil bejn dawn iż-żewġ termini: Omm u Alla. Difatti: omm tfisser dik li tagħti l-ħajja; u Alla huwa Dak li għandu fiH innifsu l-Ħajja, Dak li hu l-Awtur u l-Għajn tal-Ħajja. Allura, kif Marija tista' tagħti l-ħajja lil Dak li hu l-Awtur tal-Ħajja? Kif Marija tista' tkun realment Omm Alla? It-tweġiba għal din il-mistoqsija hija din: "GĦAX MARIJA HIJA TASSEW OMM ĠESÙ KRISTU, OMM FIŻIKA, OMM NATURALI TA' ĠESÙ KRISTU; U ĠESÙ KRISTU HUWA L-IBEN IL-WAĦDIENI TA' ALLA.**

### OMM ĠESÙ KRISTU:

Marija mhux biss tissejjaħ imma realment hija Omm Alla, preċiżament għax hija l-Omm naturali ta' Ġesù Kristu; u Ġesù Kristu huwa tassew l-Iben ta' Alla. Marija hija l-Omm ta' dak l-Iben li Missieru huwa Alla. Ġesù Kristu huwa l-Iben Waħdieni kemm t'Alla l-Missier u kemm ta' Marija Verġni; Ġesù daqskemm huwa t'Alla daqshekk ieħor huwa ta' Marija Verġni. Il-Missier nisslu sa mill-eternità, u Marija nissltu fil-milja taż-żminijiet. Ġesù huwa veru Alla, għax Missieru huwa Alla: **"Alla minn Alla, dawl minn dawl, Alla veru minn Alla veru"**, nistqarru fil-Kredu. U Ġesù huwa veru bniedem għax imnissel u mwieled minn Marija, ix-Xebba ta' Nazaret. Ġesù kull ma għandu bħala Alla jafu lill-Missier, u kull ma għandu bħala bniedem jafu lil Ommu. Ħadd ma ssieħeb mal-Missier, biex dan il-Missier eternament inissel lil Ibnu; u ħadd, ħlief l-Ispirtu s-Santu, ma ssieħeb ma' Marija, biex Hi setgħet tnisslu u tagħmlu bniedem lil dan l-Iben t'Alla!

Għidna li Marija hija Omm Ġesù Kristu. Dan nafuh mill-Vanġelu. Igħidilna difatti l-Evanġelista San Mattew meta jsemmi l-ġenealoġija ta' Kristu, il-Messija: "**Ktieb in-nisel ta' Ġesù Kristu, bin David, bin Abraham: Abraham wiled 'il Iżakk; Iżakk wiled 'il Ġakobb; Ġakobb wiled 'il Ġuda u 'l ħutu;...Jesse wiled 'il David, is-sultan. David wiled 'il Salamun...; Ġakobb wiled 'il Ġużepp, l-għarus ta'**

**Marija, li minnha twieled Gesù, imsemmi Kristu"** (1, 1-3. 5-6. 16). L-istess verità jgħidilna San Luqa: "**Tela' Ġużeppi wkoll mill-Galilija, mill-belt ta' Nazaret, fil-Lhudija, fil-belt ta' David, li jisimha Betlehem, billi hu kien mid-dar u mill-familja ta' David, biex jinkiteb ma' Marija, l-għarusa tiegħu, li kienet tqila. U meta kienu hemm, għalqilha *ż-żmien* li teħles, u wildet l-ewwel tifel tagħha u fisqietu u medditu f'maxtura, għax ma kienx hemm wisa' għalihom fil-lukanda"** (2, 4-7).

## Ġesù: L-Iben ta' Alla:

Xi disa' xhur qabel ma Marija wildet lil Binha Gesù Kristu hemm f'Betlehem, l-anġlu ta' Alla kien ħabbrilha u aċċertaHa: "**Ara, inti se tnissel fil-ġuf tiegħek u jkollok Iben u ssemmih Ġesù. Hu jkun kbir, u jkun jissejjaħ Bin il-Għoli. Il-Mulej**



**Alla jagħtih it-tron ta David, missieru u jsaltan għal dejjem fuq dar Ġakobb, u s-saltna tiegħu ma tara qatt it-tmiem"** (Luqa 1, 31-34). L-istess anġlu lil Ġużeppi wkoll kien żgurah u qallu: "**Ġużeppi, bin David, xejn la tibża' tieħu lil Marija b'martek, għax dak li tnissel fiha ġej mill-Ispirtu s-Santu. Hi se jkollha iben, u inti ssemmih Ġesù, għax hu jsalva l-poplu tiegħu minn dnubiethom"** (Mattew, 1, 20-21). L-istess anġlu ta' Alla, l-Arkanġlu Gabrijel, l-anġlu ta' l-Inkarnazzjoni, xi xhur wara, nerġgħu nisimgħuh iħabbar ferħan lir-ragħajja ta' Betlehem u jgħidilhom: "**Tibżgħux, għax araw, qiegħed inħabbrilkom ferħ kbir, ferħ li se jkun għall-poplu kollu. Illum, fil-belt ta' David, twildilkom Salvatur, li hu l-Messija, il-Mulej. U bħala sinjal ikollkom dan: issibu tarbija mfisqija u mimduda f'maxtura"** (Luqa 2, 10-12).

## Marija: Omm l-Iben t'Alla:

Minn dawn it-testi tal-Vanġelu, jidher li Ġesù mhux biss huwa veru bniedem, għax hu l-Iben ta' Marija Verġni, imma huwa wkoll veru bniedem, għax hu l-Iben ta' Alla: huwa "**Bin il-Għoli**" (**Luqa** 1, 32); huwa "**Bin Alla**" (**Lq** 1, 35); huwa "**is-Salvatur, il-Messija, il-Mulej**" (**Lq** 2, 11). Dan l-Iben ta' Alla tnissel f'Marija u twieled minn Marija; Huwa ssawwar f'Marija u minn Marija; huwa tassew il-"**frott ta' ġufHa**" (**ara Lq** 1, 42). Marija lill-Iben ta' Alla għamlitu veru bniedem, għamlitu l-Feddej, il-Messija, Adam il-ġdid; għax tassew, biex l-Iben ta' Alla seta' jsir il-Feddej u l-Messija u Adam il-ġdid, kellu bżonn li jkun veru bniedem, kellu bżonn li jagħmilha Tiegħu lin-natura tagħna, kellu bżonn li jkun "**Ħuna l-kbir**" (**Rum** 8, 29).

## OMM SINGULARI:

M'hawnx mara li hija omm ta' binha daqshekk hija Marija Omm Binha Ġesù: għax kull mara oħra, biex tista' ssir omm, ikollha bżonn tissieħeb ma' raġel; waqt li Marija, biex setgħet issir Omm Ġesù, Hija ma ssieħbet ma' l-ebda bniedem: Hi nisslet bil-virtù, cioè bil-qawwa, bil-grazzja, bil-qdusija u bl-imħabba ta' l-Ispirtu s-Santu; nisslitu b'manjiera soprannaturali; preċiżament għax BinHa huwa l-Iben ta' Alla, huwa "**Bin il-Għoli**" (**Lq** 1, 32), huwa "**il-Qaddis**" (**ara: Lq** 1, 35). Għalhekk kien żguraHa l-anġlu hemm f'Nazaret, u qallHa: "**L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek, u l-qawwa tal-Għoli tgħattik. Għalhekk dak li jitwieled minnek ikun qaddis, u jissejjaħ Bin Alla"** (**Lq** 1, 35).

## OMM TA' L-GĦAĠEB:

Hekk issejħilHa l-Knisja lil Marija "**Mater Admirabilis**". U bir-raġun; għax Marija, bħala Omm Ġesù Kristu, saret ħaġa waħda ma' Alla l-Missier; ġiet mgħollija sal-livell Tiegħu stess; tqaddset bl-istess qdusija Tiegħu: il-Missier huwa l-Qaddis min-natura Tiegħu, għax hu Alla; u Hi l-Qaddisa permezz tal-grazzja, għax Omm Ibnu. Hekk għoġbu jagħmilHa Alla l-Imbierek; u kien jixraq dan. Naħseb li dan riedet tgħid Marija meta fil-Magnificat għanniet u qalet: "**Is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar; qaddis hu l-isem tiegħu**" (**Lq**. 1, 49). Tassew: Alla lil Marija taHa kollox; mhux biss taHa ħwejjeġ kbar, imma għamel Magħha ħwejjeġ kbar; għamilHa cioè l-akbar, għamilHa l-eqdes, għamilHa l-isbaħ. Igħid wieħed għaref, ħabib ta' San Bonaventura, li Alla jista' joħloq dinja akbar u sema isbaħ milli ħoloq, imma ma jistax jagħmel Omm akbar u isbaħ minn Marija!

## OMM ta' Qalb Infinita:

Naħsbu ftit: kemm kienet tħobbu Marija lil Ġesù BinHa; u kemm kien iħobbHa Ġesù lil Ommu! Marija kienet tħobb lil Ġesù mhux biss għax kien BinHa, imma l-iżjed għax kien l-Iben ta' Alla; u Hi biss kienet kapaċi tagħraf xi mħabba kien jixraqlu dan BinHa, Alla, għax hi l-Immakulata! Hekk ukoll Ġesù kien iħobb lil Ommu mhux biss għax kienet Ommu, imma l-iżjed għax kienet Omm l-Iben ta' Alla; u Hu biss kien kapaċi jagħraf xi mħabba kien jixirqilHa bħala Omm Alla, għax hu biss kien l-Iben Waħdieni ta' Alla! Kellu jkollHa għalhekk Marija qalb infinitament kbira, biex setgħet tħobb lil Ġesù, l-Iben ta' Alla: tħobbu bħalma jħobbu Alla l-Missier. Hekk ukoll, qalb Marija kellha tkun infinitament kbira, biex din qalbHa setgħet tilqa' fiha l-imħabba infinita ta' BinHa, Alla: Huwa kien iħobbHa daqskemm kien iħobb 'l Alla l-Missier!

## L-GĦOLA KREATURA:

Marija, preċiżament għax hija Omm Alla, hija l-għola kreatura; Alla biss huwa akbar minnHa; kulħadd huwa iżgħar minnHa. Donnu hekk lemaħHa l-kittieb tal-Proverbji meta ħareġ b'din l-espressjoni: "**Ħafna kienu t-tfajliet li kisbu għana kbir, imma int lil kulħadd tgħaddi**" (**Prov** 31, 29). U hekk hu, għax id-dinjità ta' Omm Alla tgħaddi lil dik ta' l-anġli, għax ħadd mill-anġli ma jista' jgħid lil Alla, bħalma tgħid Hi: "Int Ibni!" Tgħaddi wkoll lil dik tas-saċerdot: għax dak li jagħmel is-saċerdot sagramentalment ma' Ġesù Kristu, għamlitu Marija fiżikament. Forsi mhux Marija li, dejjem bil-virtù ta' l-Ispirtu s-Santu, għamlitu lil Ġesù Kristu, il-veru Saċerdot? Kieku ma kenitx Marija, Omm is-Saċerdot Etern, kieku lanqas għandna saċerdoti, cioè ministri ta' Kristu, u amministraturi u dispensaturi tal-misteri divini!

Għandha raġun il-Knisja tfaħħarHa lill-Madonna u tgħidilHa:

"Hienja l-Omm, li ġewwa ċ-ċokon
tal-ġuf safi tagħha niżel
il-ħallieq, li xejn ma jesgħu,
u f'qiegħ idu jżomm id-dinja.

Hienja dik li emmnet l-anġlu
u, bil-qawwa ta' l-Ispirtu,
ġiebet fostna 'l Alla bniedem,
il-mixtieq tal-ġnus mill-qedem!"

(**Innu mill-Uffiċċju tal-Qari**, Kommun tal-Madonna).

---

# It-Tagħlim ta' San Ċirillu fuq il-Madonna

*(jaqbad minn paġna 421)*

s-Santu u bil-qawwa t'Alla." (Lez. 12, k. 29). Hawn il-Madonna dehret qed tagħti lura d-dinjità tal-mara, qed turi l-ugwaljanza tagħha daqs dik tar-raġel u tgħolli d-dinjità tagħha ta' omm. Ir-risposta li tat lil Alla tfakkar lin-nisa kollha, li anke huma, huma 'partners' mhux biss ma' l-irġiel, imma ma' Alla nnifsu.

Dan il-kbir Katekist tal-Knisja ta' Ġerusalem, bil-mod tiegħu sempliċi, spontanju, imma ħaj, jipprova jfiehem li l-figura ta' Marija hija essenzjali biex wieħed jifhem il-misteru ta' Kristu. Alla magħmul bniedem jidher fir-realtà misterjuża divino-umana, u fl-isfera tiegħu ta' Salvatur tal-bniedem, biss jekk jiġi muri flimkien ma' Ommu, li minnHa ħa dak il-ġisem li għamlu l-EMMANWELI, Alla magħna.

*Il-Patri Kapuċċin li beda l-Inkurunazzjoni tax-Xbihat tal-Madonna*

# Il-Patri Ġlormu minn Forlì, l-Italja

*(It-Tieni Parti)*



**Patri Ġlormu minn Forlì**

**Fra Ġlormu f'xifer il-qabar**

Meta Fra Ġlormu wasal biex itemm l-istudji tiehgu, ġà mġennen biex joħroġ ixerred in-nar ta' mhabba ta' Alla u tal-Madonna li minn ġewwa kien qiegħed ikebbislu l-ispirtu tiegħu, beda jonqos mis-sahha, tilef il-kulur ta' wiċċu u d-debolizza bdiet taghmel bih. Il-patrijiet raw dan l-istat tieghu u fittxew jippersważuh biex inaqqas mill-penitenzi żejda u joqghod ghal dak biss li trid ir-regola. Imma l-mard kien daħal 'l ġewwa, hekk li l-kura ma bdiet tiswa ghal xejn u ż-żagħżugh kellu jittiehed fl-infermerija taht ghajnejn it-tabib.

Waqt li kulhadd kien imhasseb u mnikket ghalih, Fra Ġlormu kien kalm bla xejn biża' mill-mewt, mimli bit-tama fl-ghajnuna tal-Madonna. Ir-Reliġjużi, billi rawh sejjer lura bis-sigħat tħawdu ħafna u s-Superjur, billi kien jaf x'imħabba kbira kellhom lejh il-ġenituri tiegħu, għarrafhom bl-istat ta' binhom l-għażiż. Din l-aħbar tefgħet f'niket kbir lill-familja tiegħu. Ħuh Ippolitu malajr telaq lejn Imola. Wasal fil-kamra fejn kien qiegħed Fra Ġlormu, sewwa sew fil-ħin li s-Superjur kien qed jagħmillu l-aħħar sagramenti u r-Reliġjużi l-oħra kienu qed igħidu t-talb tal-agonizzanti. Iż-żagħżugħ Fra Ġlormu b'idejh imsallbin kien qiegħed igħid it-talb mas-saċerdot bit-tbissima fuq fommu u ħsiebu biss f'Alla.

**Il-Madonna tfejqu**

F'daqqa waħda, Fra Ġlormu dawwar wiċċu lejn il-Gwardjan u qallu: "Mur int ilqa' l-Madonna għax jien ma nistax niċċaqlaq". "Le", qallu l-Gwardjan, "jien nibqa' dejjem ħdejk, ma nħallikx, għażiż ibni, sakemm tiġi l-Madonna biex tieħdok magħha l-ġenna". "Hija ġà waslet", tenna Fra Ġlormu, ġiet biex tfejjaqni". "Titqarraqx, għażiż ibni, imma l-Madonna tagħtik is-saħħa ta' dejjem fis-Sema", wieġbu l-Gwardjan. Il-Gwardjan ħasbu qiegħed ihewden.

Hawn instemgħet il-qanpiena tal-porterija ddoqq darbtejn, sinjal li wasal xi reliġjuż frustier; kien tassew ġie Ajk Kapuċċin, li kien mibgħut minn kunvent ieħor. Mad-daqq tal-qanpiena, wiċċ Fra Ġlormu ħa l-kulur u b'idejh miftuħin dar lejn il-Gwardjan u b'heġġa qallu: "Haffef, Patri, ghax il-Verġni Marija ġiet, inżel ilqaghha nitolbok". L-ajk li kien wasal f'dak il-hin, kien qiegħed idur il-kunventi tal-Provinċja, biex jagħti l-aħbar tal-mewt ta' Patri Feliċ Sassi ta' Bartinoro u waqt li talab il-barka tas-Superjur ta' Imola, qallu li flimkien maċ-ċirkulari tal-aħbar biex isiru s-suffraġji għall-mejjet Patri Feliċ, ġieb ukoll ittra u kaxxa żgħira mibghuta

mill-Gwardjan tagħhom. Dan kollu sar fil-bieb tal-kamra fejn kien qiegħed imut Fra Ġlormu, li sama kollox; għalhekk bi ħrara kbira qal: "Patri Gwardjan, ħalli nara u nbus ix-xbieha mqaddsa ta' l-Omm maħbuba tiegħi, li kienet serqitli qalbi, għajn ta' kull grazzja u saħħa.

F'dik l-ittra li ġieb miegħu l-Ajk, il-Gwardjan ta' Bartinoro għarraf lil dak ta' Imola li Patri Feliċ, ta' fama qaddisa, qabel miet, filwaqt li ħalla l-ftit li kellu lill-kunvent, qallu biex ix-xbieha tal-Madonna li tant kienet għal qalbu u tant ħarsitu matul ħajtu, kienet ġiet mitluba lilu minn żagħżugħ minn Forlì u li issa kien daħal Kapuċċin bl-isem ta' Fra Ġlormu u jinsab fl-istudentat ta' Imola, għalhekk talbu biex wara mewtu tiġi mibgħuta lilu, bit-tama li l-Verġni Mqaddsa jkollha qima kbira minnu u li jkun appostlu tad-devozzjoni lejha.

Il-Gwardjan u l-patrijiet baqgħu mistagħġbin bil-kumbinazzjoni tal-wasla tax-xbieha tal-Madonna f'dak il-mument kritiku għal Fra Ġlormu, li għandha minn miraklu. Ħaduha għalhekk bħala ħaġa speċjali tal-protezzjoni tal-Madonna mad-devot tagħha Fra Ġlormu li kien qiegħed jitqabad mal-mewt. Hawn il-Gwardjan fetaħ il-kaxxa, ħareġ minnha x-xbieha li kienet f'biċċa ta' l-għażel, biesha bil-qima kollha, imbagħad resaq lejn is-sodda tal-marid u qallu: "Ara ibni, il-Verġni Marija, faraġ ta' l-imnikktin, saħħa tal-morda, ġiet iżżurek. Patri Feliċ qabel ma miet ftakar fik, bagħtlek din ix-xbieha maħbuba tiegħu. Jekk jogħġob lill-Madonna li tagħtik is-saħħa tal-ġisem, tikseb dmir ġdid ta' mħabba lejha u dmir li xxerred id-devozzjoni lejha aktar minn qabel. Il-miraklu sar. Fra Ġlormu beda ġej 'il quddiem u ħa saħħtu mill-ġdid. Issa ħuh Ippolitu seta' jerġa' lura lejn Forlì u jwassal l-aħbar tal-fejqan ta' Fra Ġlormu lill-ġenituri tiegħu.

## Appostlu tal-Madonna

Fra Ġlormu, meta fieq mill-marda li kienet wasslitu f'xifer il-qabar, kompla l-istudju tiegħu. Għadda ż-żmien u wasal il-jum tant mixtieq minnu, il-jum li fih kellu jiġi ordnat saċerdot għal dejjem, il-jum li fih iċċelebra l-ewwel quddiesa fost il-ferħ tal-familjari tiegħu u ta' ħutu Kapuċċini.

Devot kbir tal-Madonna sa minn ċkunitu, żelatur tad-devozzjoni lejha fost sħabu l-istudenti u n-nies ta' madwar il-kunvent tagħhom, meta laħaq patri sar il-veru appostlu tad-devozzjoni lejn Sidtna Marija u difensur qawwi tal-virtujiet u l-privileġġi tagħha.

F'dik il-ħabta li laħaq patri ż-żagħżugħ Fra Ġlormu, kienu bdew daħlin ġmielhom l-ideat protestanti, mhux biss fil-Ġermanja imma fl-Italja wkoll. Sewwa sew ftit wara li għamel l-Ewwel Quddiesa mar fid-dar tal-ġenituri tiegħu u nzerta li fost il-mistednin li kien hemm għall-pranzu, kien hemm ukoll ċertu Konti Fabio. Dan il-konti, li ma tantx kien sod fil-fidi kattolika, ħareġ b'ċertu kliem li ma kien sabiħ xejn. Qal lill-markiża: "Dan l-aħħar qrajt apoloġija u fiha sibt li għandna naduraw 'l Alla biss u barra minnu m'hemm ħadd li tistħoqqlu l-adorazzjoni, u għalhekk tiġi weħidha li tant xbihat tal-qaddisin u tal-Madonna huma bla ħtieġa, anzi għandna nneħħuhom, biex ma nagħtuhomx qima li ma tistħoqqil-homx."

Dak il-ħin deher f'daqqa l-kamrier igħajjat: 'Kapuċċin!' Kulħadd ħares lejn il-bieb, u hekku jidħol Patri Ġlormu. Kulħadd qam biex jilqgħu u Patri Ġlormu ħa b'idejn il-ġenituri tiegħu, ħutu, il-ħbieb u qalilhom biex joqogħdu f'posthom, waqt li joqgħod ħdejn ommu li tant kien iħobb. Ommu mill-ewwel qaltlu: "Iss' issa kien qiegħed jingħad ċertu kliem tal-biża' li tefgħana f'taħwid kbir", u qaltlu x'kien qal il-konti Fabio. Għal dan il-kliem, Patri Ġlormu ħareġ ix-xbieha tal-Madonna li ġiet mogħtija lilu waqt li kien qiegħed imut u li kienet tagħtu l-fejqan, urieha b'ferħ kbir lil kulħadd, u waqt li żammha f'idu qalilhom: "Jiena iben indenn tal-Madonna, iżda nħoss qalbi mħeġġa biex inħobbha. Imma kif inħobbha bla ma nikkontempla x xbieha tagħha? U jekk l-oġġetti li jolqtu s-sensi tagħna jibqgħu sejrin fir-ruħ, għaliex ma għandniex ngħinu ruħna bix-xbihat li jagħmlu fina impressjoni qaddisa? Inkunu qegħdin inqimu ċ-ċoqqa jew l-injam? Le, għaliex għad-dehra tax-Xbieha Mqaddsa, nerfgħu l-moħħ tagħna lejn is-Sema, u nagħrfu b'rispett l-eroj glorjużi fihom rappreżentati. Meta nirrikorru lejhom

aħna nkunu nagħtu ġieh ukoll lil Alla, għaliex aħna nitolbuhom biex bl-interċessjoni tagħhom jidħlu quddiem Alla għalina bnedmin indenji."

**Jiġri ma' l-Italja, fl-Isvizzera u fl-Awstrija**

Din kienet silta mill-ewwel priedka li Patri Ġlormu għamel bejn il-ħitan tal-palazz tal-familja, imma bħala Appostlu tad-devozzjoni lejn il-Madonna nsibuh jiġġerra mhux biss fl-Italja imma fl-Isvizzera u fl-Awstrija wkoll. Bħala missjunarju nsibuh jippriedka, f'idu l-leminija jżomm il-kurċifiss u f'idu x-xellugija x-xbieha tal-Madonna. Impossibbli li f'artiklu nsemmu kull ma għamel dan it-twajjeb kapuċċin bħala rikonoxxenza lejn il-Verġni Marija tal-fejqan li kienet tatu meta kien agonizzant. Insemmu biss id-drawwa sabiħa tal-inkurunazzjoni tax-xbihat tal-Madonna. Bħala konklużjoni ta' kors ta' Eżerċizzi Spiritwali daħħal l-użanza li jinkuruna x-xbieha tal-Madonna jew statwa devota tagħha. Hekk insibuh jagħmel f'Parma u f'Comacchio, belt antika bejn Ravenna u Ferrara, imsemmija għas-Santwarju tal-Madonna ta' l-Awla Regia. Din l-użanza devota, Patri Ġlormu rnexxielu jxerridha ma' l-Italja kollha tant li saret popolari ħafna fi żmienu.

Patri Ġlormu miet fil-festa ta' San Ġużepp, 19 ta' Marzu, 1620, imma d-drawwa devota ta' l-Inkurunazzjoni solenni tax-xbiehat tal-Madonna ma mititx miegħu, imma xterdet mad-dinja kollha. Biżżejjed ngħidu li f'Għawdex biss għandna disa' xbiehat jew statwi tal-Madonna Inkurunati. Dawn huma: il-Madonna Ta' Pinu (20 ta' Ġunju, 1935); il-Madonna tal-Grazzja tal-Kapuċċini (27 ta' Jannar, 1952); il-Kunċizzjoni tal-Qala (1 ta' Awissu, 1954); il-Madonna ta' Pompej tar-Rabat (16 ta' Ottubru, 1966); il-Bambina tax-Xagħra (2 ta' Settembru, 1973); l-Assunta tal-Katidral tar-Rabat (15 ta' Awissu, 1975); il-Madonna tal-Viżitazzjoni ta' l-Għarb (25 ta' Lulju 1979); l-Assunta taż-Żebbuġ (24 ta' Awissu 1980) u l-Madonna tas-Sokkors ta' Kerċem (9 ta' Lulju 1985).

**MONS. FRANĠISK BORG.**

## IL-MATERNITÀ TAL-MADONNA

Hekk kif Ġesù hu Missierna, Marija Ommna; meta tatna lil Ġesù, tatna l-vera ħajja.

*(S. Alf. M. de Liguori).*

Biex tifhem lil Marija, Omm il-Mulej, ma taħsibx inti li jeħtieġlek tgħix l-ispiritwalità tiegħek bis-serjetà?

*Roger Schutz).*

Min iħoss li għandu bħala Ommu lil Marija, ma jistax ikun li jaqa' fid-disperazzjoni.

*(Fulton Sheen).*

Marija ma titlaqx lil uliedha, anke meta volontarjament jagħmlu l-ħażen.

*(Fulton Sheen).*

Il-hena ta' Marija hi li jkollha wlied li jixbhuha fil-ħsieb, kliem u għemil.

*(Piju XII).*

Kullimkien fl-univers, matul kull żmien, il-ġisem ta' Marija jġib sinjal profond tal-maternità.

*(G. Galot).*

*The Teaching of Pope John Paul II*

# Mary, the Mother of God

**Most Rev. Kevin McNamara,**
*Bishop of Kerry, Ireland*



In the mind and heart of Pope John Paul II Mary, the Mother of God, holds a unique place. She is never far from his thoughts. Her name recurs constantly in his teaching. His personality, his prayer, his spiritual experience, his whole life and work are deeply marked by her influence.

Pope John Paul II sees Mary as inseparably linked to Christ and as intimately associated with the life and mission of the Church. This has been clear from the very beginning of his Pontificate, when he placed his entire future ministry under Mary's maternal care.

In the short time since he has become Pope, John Paul II has given to the Church a rich and copious doctrine on Our Lady. The aim of this booklet is to present a concise account of this teaching. I have brought together the many Marian topics treated by the Pope in the order suggested by the history of salvation. Arranged thus, the unity and coherence of the Pope's Marian doctrine appears clearly. To a great extent this dispenses with the need for commentary. Here and there, however, where it seemed useful to do so, I have added some remarks in explanation or evaluation of the Pope's teaching.

## Marian doctrine before Vatican II

It may help, to begin with, to refer briefly to the position of Marian doctrine and devotion in the years immediately preceding the Second Vatican Council.

In this period the role of Mary was keenly studied, and devotion to her was fervently practised throughout the Church. However, the person of Mary was not always placed in her full and proper context. There was a tendency to extol her privileges without relating them sufficiently to her overall place in God's plan of redemption. While the intention was to honour Mary as much as possible, the effect at times was to make her appear remote from real life. Her glories were highlighted to such an extent that her personal pilgrimage of faith tended to fade into the background: because of the brilliant light surrounding Mary as Queen, the humble Virgin of Nazareth was sometimes in danger of being lost to view.

Occasionally, too, the complete and absolute dependence of Mary on Christ seemed in danger of being obscured — not indeed by any deliberate intention, but by failure to emphasize what nobody thought of questioning, or by the use of Marian titles that were open to misunderstanding, or even by the sheer volume of Marian writings in relation to other areas of theological and devotional literature.

To a considerable extent the fault lay in certain weaknesses in theology at that time. Scripture, described by Vatican II as 'the soul of sacred theology', did not occupy its rightful place and, because of this and other factors, the history of salvation, the unfolding story of God's redeeming love, was not placed in sufficiently clear relief. It is not surprising, in the light of this, that the prevailing theological picture of Mary left something to be desired.

## New emphasis in teaching of John Paul II

The Marian doctrine of Pope John Paul is open to no such criticism. The Pope gives a great deal of attention to Mary's place in the general development of God's plan of salvation. Mary never appears in isolation. We are constantly shown the close ties that unite her to Christ, to the people of Israel, to all the redeemed, to the three Persons of the Blessed Trinity. At all times her utter dependence on God and on Christ's redeeming work is evident. Mary's wonderful privileges, the 'great things' done to her by God, are certainly stressed, and lovingly contemplated, but they are always linked by the Pope to Mary's God-given role in the history of salvation.

Mary's extraordinary graces are, in the eyes of Pope John Paul II, God's way of preparing her for the sublime vocation to which she was called. At the same time they are the result of her unique and unparalleled sharing in the mystery of Redemption, and of her full, unfailing assent throughout her life to the part she was called to play in it.

As might be expected, given the attention the Pope devotes to the history of salvation, his teaching on Mary is profoundly biblical in inspiration. Again and again he returns to the principal scriptural passages which speak of her. It is clear that over the years he has made them the subject of profound and constant meditation. As a result there is a freshness and vitality about the figure of Mary as it emerges from his writings. We see in her a real, living person, with human emotions and feelings, above all with the loving, tender heart of a woman and mother. Like us, she lives by faith, proceeding step by step along her pilgrim way, at times in the midst of darkness. She also comes across to us as someone who fully shares day-to-day human concerns, while at the same time dedicating her whole being without reserve to God's transcendent purposes. For all her sublime vocation and extraordinary privileges, she remains within reach; indeed she is very near to each one of us, someone whose help we can rely on and whose virtues we can always look to as a model for our lives.

We shall now look at this picture of Mary in greater detail.

*From: "Our Lady's Digest", Spring 1985.*

*(to be continued in the next issue)*

# MILL-ĦAJJA TAS-SANTWARJU

*Miġbura minn* **DUN KARM BORG**



**NOVEMBRU** *(ikompli)*

**14.** Ġie organizzat pellegrinaġġ mill-MNPN ta' Kerċem għas-Santwarju. Patri S. Bennetti OSA qaddes għal dawk li ħadu sehem fil-pellegrinaġġ.

**27.** Sar pellegrinaġġ mill-PTA ta' l-Iskola St. Francis tas-Sorijiet Franġiskani tar-Rabat. Qaddes għalihom fis-Santwarju Dun Ġwann Bosco Cremona. Wara sar 'Coffee Morning' fir-Restaurant ta' ħdejn is-Santwarju.

Illum fid-Djoċesi ta' Għawdex ġie ċċelebrat Jum ir-Radd il-Ħajr. L-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi mexxa Konċelebrazzjoni fis-Santwarju ta' Pinu u fl-omelija tiegħu fisser l-importanza taddmir li għandu l-bniedem li jrodd ħajr lil Alla għal tant ġid li huwa jagħtih tul il-ħajja tiegħu kollha.

**DIĊEMBRU:**

**6.** L-Ewwel Sibt tax-xahar. Il-Fergħa Ewkaristika organizzat il-laqgħa tagħha fis-Santwarju. Saret quddiesa bl-omelija mill-Kan. Dun Karm Cini u wara siegħa adorazzjoni li ntemmet b'Celebrazzjoni Ewkaristika bil-Barka Sagramentali.

**8.** Is-Sorijiet Salesjani ta' Għawdex, flimkien mat-tfal ta' l-Iskola Laura Vicuna nġabru flimkien f'laqgħa ta' talb fis-Santwarju ta' Pinu. Qaddes għalihom Dun Karm Curmi li wasslilhom ukoll messaġġ fl-okkażjoni tal-Festa ta' l-Immakulata.

**25.** Fil-Lejl Qaddis tal-Milied saret Konċelebrazzjoni bl-omelija li tmexxiet minn Mons. Beneditt Camilleri, Rettur tas-Santwarju.

**27.** Sar Pellegrinaġġ Marjan għall-Paċi f'pajjiżna. Il-pellegrinaġġ kien organizzat mill-parroċċa tal-Qala. L-Arċipriet il-Kan. Anton Sultana mexxa quddiesa fis-Santwarju u għamel kelmtejn taċ-ċirkustanza.



# Grazzi Madonna Għax Smajtni



Intensive Care Unit,
Luton & Dunstable Hospital,
Luton.
14th October, 1986.

Fifteen years ago, my friend prayed in Ta' Pinu that I should be blessed with a daughter and the following year my precious daughter Tracey was born to us.

Tracey contacted meningitis on the 28th September and bas been critically ill in the Intensive Care Unit.

She is now improving well day by day and I would be so grateful if you could say a prayer of thanks and pray for her continued speedy recovery and safe delivery back into the loving care of her family and friends.

Please thank the Lord for all the miracles he has given us over the last few weeks.

Thank you so much for your prayers.

**Nicholls.**

**GĦAWDEX:**

Loreta Agius; Maria Azzopardi; Maria Muscat; Margaret Axiak; Carmen Cassar; Conċetta Vella, Ġużeppa Xerri; Ġina Borg; Ġeżwalda Sacco; Joe Sacco.

Stella Aquilina; Tereża Vella; Saverja Vella; M'Anna Sciberras; Sonya Falzon; Nancy Galea; Jane Vella; Martin u Joyce Galea; Saveria Meilaq; Ġużeppa Gauci; Elisabeth Azzopardi; Antoinette Grima; Mariġwann Haber; Lily Pisani; Maria Gauci; Joseph Mizzi; Joseph Galea; Francis Muscat; Pawlu Muscat; Francis Pavia; Franġisk Sultana; Paul Grech; Grezzja Theuma; Pawlu Grech; Helen Spiteri; Carmen Xerri; Bertu Axiaq; John Calleja; Sylvia Said; Frans Muscat; Carmen Xuereb; Antoinette Portelli; Żarena Grima; Carmen Cauchi; Lorenza Bajada; Ġużeppa Stellini; Toni Sultana; Marjanna Sultana; Victor Sultana; Veronica Mintoff; Maria Antonia Sultana; Joe Mizzi; Antonia Zerafa; Kelina Sultana; Doris Cassar; Martha Mizzi; Elizabeth Mizzi; Frances Calleja; Orsola Vella; Angela Gatt; Rita Pace; Maria Mercieca; Ċetta Xiberras; Gregory Grech; Alfred Buttigieg; Ġorġa Caruana; Rita Sammut; Mattew Azzopardi; Luciana Spiteri;

Teddy Spiteri; Carmel Portelli; Maria Portelli; Raymond Cauchi; Rosa Cefai; Rita Sultana; Maria Spiteri; Salvina Camenzuli; Ġanna Rapa; Ġużeppa Saliba; Rita Grima; Carmen Dimech; Chris Farrugia; Karmena Azzopardi; Jason George Debrincat; Helen Saliba; Ġużeppa Sammut; Rosaria Bonello; Jane Camilleri; Karistu Saliba; John Mercieca; Andrew Refalo; Ġakkinu Cauchi; Grazzja Formosa.

Ċettina Buhagiar; Ċikka Attard; Francesca Said; Katarina Dimech; Marija Xiberras; Angelika Buttigieg; Marija Camilleri; Doris Grech; Franġisk Portelli; John Camilleri; Ġorġ Xuereb; Forta Calleja; Lina Buttigieg; Loraine Xuereb; Żarena Portelli; Victoria Xiberras; Charles Xiberras; Marlene Galea; Joyce Portelli; Mike Grima; Pawlu Xerri; Vitoria Grima; Rita Azzopardi; Vitoria Mercieca; Tarcisio Mercieca; Angela Zammit; Anġlu Camilleri; Margaret Galea; Dolora Cauchi; Marija Mercieca; Grace Vella; Rita Spiteri; Carmel Attard; Peter Paul Camilleri; Lucy Theuma; Maria Vella; Ġorġ Said; Francis Camenzuli; Maria Zammit; Rina Zammit; Andrew Buhagiar; Mike Meilak; Martin Camilleri; Joseph Cauchi; Paul Buttigieg; Tereża Buttigieg; Mary Portelli; Mary Rose Vella; Anthony Mizzi; M'Anne Zammit; Joseph Cardona; Ġużepp Casha; Liża Xerri; Alice Cassar; Toni Portelli; Victoria Grech; Maria Attard; Ġovanna Hili; Mary Gusman; Stella Farrugia; John Saliba; Karmena Zammit; Doreen Camilleri; Toni Muscat.

John Cordina; A. Grima; Tony Sultana; Carmela Buttigieg; Ġamri Saliba; Anġolina Camilleri; Rita Refalo; Mary Buhagiar; Ġużepp Muscat; Josephine Zammit; Natalie Cefai; M'Assunta Debono; Ġorġa Galea; Mikelina Portelli; Antoinette Zammit; Antonia Saliba; Carmen Gauci; Adelina Vella; Anton Vella; Pawla Cauchi; Antonia Vella; Rita Dimech; Jason Zammit; Rose & Victor Muscat; Gius. Mifsud; Miriam Cassar; Peter Buttigieg; Eshterr Galea; Silvia Attard; Joseph Enriquez; M'Anġ Debrincat; Joseph Grech; Carmel Grech; Ġużepp Zerafa; Anton Agius; Ġużepp Mizzi; Margerita Camilleri.

**MALTA**

Antonia Grech; Pawla Grech; Iris Debono; Patrick Zrinzo; Tona Sceche; Karmena Seychel; Joseph Pace; Marlene Cassar; Nicholas Vella; Mary Caruana; Helen Farrugia; Helen Grech; Joyce Cortis; Stella Barbara; Lela Bezzina; Carmen Fenech; Manwela Scicluna; Carmen Camilleri; Carmen Scicluna; Angela Hili; Ġanni Cassar; Anthony Piscopo; Ġużeppa Galea; Carmen Saliba; Doris Debono; Karmenu Cauchi; Doris Dimech; Sunta Grech; Tania Grech; Ġużeppi Zerafa; K. Bonello; Jessie Bajada.

**U.S.A.**

Vicky Vella; A. Abdilla; Josephine Holdan; Angela Cassuta; Fortun Fava; Tessie Spiteri; Maria Attard; Salvina Borg; Rosaria Tabone; Jane Haber; Ġorġa Formosa; Maria u Frankie Rapa; Ines Grima; Ġorġ Camilleri; Rita Camilleri; Mr. & Mrs. B. Borg; Maria Buttigieg; Mary Rose Muscat; Mikiel Gauci; Francis Pace; Philip Borg; Toni Camilleri; Mary Vella.

**AWSTRALJA:**

Mr. & Mrs. Joe Cassar; Marie Cauchi; Antonia Zerafa; Mary Psaila; Doris Borg; Irene Tonna; Margaret Portelli; Ġuża Azzopardi; Maria Sultana; Micheline Mifsud; Mary Mifsud; Carmen Mifsud; Mr. & Mrs. William Grech; Maria Farrugia; Michelina Sultana; Sunta Hili; Francis Saliba; Frances Vella; Joe Sant; John Tabone; Rose Said; Josephine Stone; Rose Spiteri; Mr. & Mrs. A. Portelli; Mr. Adrian Agius; Guido & Carol Pirotta; Joseph Hili; Sarah Jane; Anthony Theuma; Jane Grech; M'Rose Camilleri; Rita Refalo; Rita Deguara; Teddie Grech; Lonza Rotin; Josephine Rapa; Vincenza Rapa; Rita Said.

**CANADA**

Lilian Spiteri; Mr. & Mrs. Mike Portelli; Mr. & Mrs. Colombo; Mr. & Mrs. J. Muscat; Toni Borg.

**INGILTERRA**

Emma Cremona; M. Cini.

## QASSISIN LI QADDSU FIS-SANTWARJU

Arċip. Anton Saliba; Rev. Paolo Cardona; Mons. Rosario G. Borg; Fr. Carmelo Cumbo; Mons. Salv Fenech; Mons. Joseph Schembri; Can. Carmelo Cini; Dun Franġisk Sultana; Dun Manwel Magro; Arċ. Eucaristico Sultana; Fr. A. Attard Cumbo; P. Bernard Gafa; Fr. Joseph Mifsud; Dun Lawrenz Sciberras; Can. On. Joseph A. Borg Majoor; Saċ. Gius. Borg; Mons. C. Bianco; D. Mikiel Galea; Fr. John Randon; Fr. Carmelo Bezzina; Fr. Arthur G. Vella SJ; Maurice Naudi SJ; Dun Salv Grima; Fr. Richard Stanley Grech; Fr. Martinjan Cutajar OSA; P. Timotju Azzopardi OC; Rev. Philip Gatt; Mons. Arċip. Salv Borg; Mons. Luigi Deguara; Rev. Dione Cutajar; Dun Ġużepp Borg Attard; Fr. Emmanuel Agius; Can. Victor Cilia.

Can. Anton Refalo, Fr. Gabriel S. Micallef OFM; Can. Salv Camilleri; Dun Salv Tabone; Saċ. Joseph Farrugia; Saċ. Joseph Mercieca; Can. Emmanuel Tabone; Dun Effie Masini; Can. Anton Meilak; Fr. Remigio Galea; P. Frans Borg OP; Fr. Albert Curmi; Mons. Ġużeppi Azzopardi; Saċ. Salv Camilleri; Can. P. Meilak; Saċ. Salv Sultana; Can. John Bartolo; Saċ. C. Xerri; Can. Ġużeppi Farrugia Vella; Saċ. Salvator Azzopardi; Dun Ġorġ Vella; P. Bonaventura Camilleri; Dun Mikiel Mintoff; Dun Ġużepp Zammit; Can. M'Angelo Xerri; Mons. Espedito Tabone; Fr. Peter Sammut; Can. Ġużeppi Farrugia Dimech; Mons. Ġużeppi Buttigieg; Kapp. Mikiel Borg; Fr. Edwin Agius MSSP; Fr. Ġorġ Grima; Saċ. Joseph Sacco; Mons. Eduardo Bondi Dalli; Mons. Gregorio Vella; Arċip. L. Vella; Kappillan Francesco Debrincat; Dun Frankie Sultana; Dun Anton Dimech; Dun Salv Curmi; Mons. M'Anġ Apap; Fr. Em. Galea; Fr. Cristiano Cini OSA; Mons. Lorenzo Xerri; Dun Duminku Camilleri; Fr. Jimmy Xerri; P. Joe Bonello OFM; Can. C. Bajada.

Saċ. Carmelo Cassar; Mons. Eduardo Bondì Dalli; Dun P. Pawl Said; Saċ. Ġużeppi Piscopo; Dun Karm Hili; Saċ. Giov. P. Briffa Brincati; Mons. Ġużeppi Grech; Kappillan Dun Franġisk Debrincat; Can. Joseph Grech; Kan. S. Cauchi; Mons. Adolph Agius; Saċ. Victor Soler; Fr. Raphael Gauci; Arċip. Anton Sultana; Mons. Joseph Curmi; Dun Ġorġ Frendo; Fr. Joseph Mercieca; Fr. John Cremona; Fr. Carmel Curmi; Fr. Carmel Borg; Arċip. Joseph Zerafa; Fr. Dijonisju Mintoff OFM; Arċipriet Nikola Vella; P. Saturjan Benetti OSA; Arċip. Anton Saliba; Dun Pawl Cardona; Can. Mikelangelo Xerri; Mons. Rużar Borg; Fr. A. Attard Cumbo; Mons. Salv Fenech; Mons. Joseph Schembri; Can. Carmelo Cini; Dun Franġisk Sultana; Arċ. Euc. Sultana; P. Bernard Gafa; Fr. Joseph Mifsud; Dun Lawrenz Sciberras; Can. On. Joseph A. Borg; Saċ. Gius. Borg; Mons. G. Curmi; Mons. C. Bianco; Fr. John Randon; D. Mikiel Galea; Fr. Carmelo Bezzina; Fr. Arthur G. Vella SJ; Fr. Maurice Naudi SJ; Dun Mikiel Attard; Dun Salv Grima; Fr. Richard Stanley Grech; Fr. Martinjan Cutajar OSA; P. Timotju Azzopardi; Rev. Philip Gatt; Mons. Arċip. Salv Borg; Mons. Luigi Deguara.

Dun Ġużepp Borg Attard; Fr. Joseph M. Farrugia; Saċ. S. Camilleri; P. Silvestru Magro; Dun Manwel Cordina; Can. Anton Refalo; Fr. Gabriel S. Micallef OFM; Kan. Salv Camilleri; Rev. Salv Tabone; Can. Emmanuel Tabone; D. Effie Masini; Dun Karm Buttigieg; Dun Karm Borg; Can. Anton Meilak; Fr. Remigio Galea OFM Cap.; P. Frans Borg OP; Fr. Alber Curmi: Mons. Giuseppe Azzopardi; Can. P. Meilak; Saċ. C. Xerri; Can. Gius. Farrugia Vella; Mons. Espedito Tabone; Arċ. Eucaristico Sultana; Fr. Peter Sammut; Can. Gius. Farrugia Dimech; Mons. Ġużeppi Buttigieg; P. Edwin Agius; Pe. Ġorġ Grima; Can. Joseph Sacco; Arċip. Luigi Vella; Dun Anton Dimech; Mons. M.A. Apap; Fr. Em. Galea; Mons. Lorenzo Xerri; Fr. Jimmy Xerri; Dun Dumimku Camilleri; Dun Renato Borg; Fr. Anthony Caruana SDB; Dun Karm Refalo; Dun Mario Grech; P. Charles Agius; Fr. Paul Chetcuti; Dun Anton Borg; Kapp. F. Debrincat; Dun Ġużepp Zammit; Can. Jos. Zahra; P. Salv Magro; P. Paul Pace SJ; P. Federik Gibson OSA; P. Alan Xerri OSA; Rev. Coronato Grima; Rev. Victor Bonello; Saċ. Nazzareno Tonna; Can. Joseph Bonello; Fr. Publius Mair; Fr. Adrian Jos. Cachia OFM; Don Giuseppe Gioia; Kan. Vincent Balzan; Fr. Joseph Giuliano OFM Cap.; Kapp. Richard Borg; Fr. Benvenut Vella OFM Cap.; Fr. Carmel Curmi; Fr. Victor Bonello; Arċ. C. Mercieca; Dun Philip Said; Fr. Frankie Debono.

Fr. D. Cutajar; Fr. Anton Zammit; Patri Alfred Xerri; Fr. Joe Caruana OFM; Fr. J. Portelli; P. Adeodato Schembri OSA; P. Salvinu Briffa SJ; P. Mario Abela; P. Ġwann Frendo OP; Fr. Jos. Sultana; Fr. Edwin Agius MSSP; Fr. Frans Ferriggi MSSP; Dun Ġużepp Bajada; Fr. Victor Jaccarini SJ; Fr. Ġorġ Dalli; Fr. Bernard Devlin; Fr. Carmel Zammit; Fr. John Cremona; Can. Benjamin Attard; Mons. Anton Grech Vella; Fr. Charles Cardona OFM Cap.; Rev. Mario Sammut; Dun Ġorġ Vella; Fr. Frans Calleja OSA; Fr. C. Attard SDB; Fr. Tony Buhagiar OSA; Saċ. S. Vella; Saċ. C. Gauci; Fr. Onorat Spiteri; Arċ. C. Scicluna; Dun Ġużepp Xuereb; D.G. Dimech; F. Alex Pace OC; Fr. Thomas Calleja OFM Conv; P. Ġorġ Zammit; Fr. A. Caruana Colombo; Fr. Charlie Cordina; Can Anton Gauci; D. Eddie Zammit; Can. A. Galea; Fr. F. Azzopardi; Arċip. S. Muscat; Dun A. Xuereb; Saċ. C. Portelli; P. Joseph Bugeja; P. Christopher Gales; Fr. Mario Baron OP; Fr. Albert Micallef OFM.

Dun Feliċ Tabone; Fr. Robert Agius; Rev. P. Camilleri; Fr. Paul Pace; P.G. Beneditt Xuereb; Dun Karm Camilleri; Fr. John Farrugia; Fr. Effie Mallia; Saċ. M. Degiovanni; Mons. Ġorġ Tabone; Fr. Bernard Mangion; Fr. Ġorġ Farrugia; Can. Joseph Tabone; Dun Girgor Grech; Fr. P. Spiteri; Fr. Paul Deguara SJ; Fr. Joe Alessandro; Fr. Cornelio Bonello; Fr. Thomas Moore; Fr. John Muscat; Fr. Joe Cilia; Fr. Samuel Chetcuti; D. Charles J. Scicluna; Mons. Girgor Vella; Fr. A. Vella.

Dun Karm Bezzina; Kapp. Richard Borg; Fr. Adriano Cachia; Saċ. Emmanuele Bonavia; Dun Salv Grima; Fr. Alexander Vella O.Carm.; Fr. John Muscat; Can. C. Bajada; P. Saturnjan Benetti OSA; Can. Joseph Grech; Rev. Vincent

Fenech; P. Philip Cutajar; Saċ. Jos. Gauci; Fr. Noel Grima; Mons. Guido Calleja; Fr. Carmel Polidano; Mons. Ant. Grech Vella; Fr. Renato Sammut; Fr. Albert Curmi; Fr. Joseph Borg; P. Diego Theuma; Fr. Reno Saliba OSA; Fr. Lorry Galea; Saċ. Paolo Cardona; Kapp. Joseph Cilia; Fr. Bernard Mangion OFM Cap.; Fr. Theodosio Meli; Mgr. Giovanni Galea; Dun Karm Hili; Fr. F. Ellul; Fr. Paul Cremona; Mgr. Joseph Curmi; Dun Ġorġ Frendo; Dun Ġużepp Mifsud Bonnici; Fr. Noel Vassallo; Fr. Victor Deguara; Dun gnazio Borg; Saċ. Mikiel Degiovanni; Saċ. Mario Grech; Kapp. Mikiel Borg; P. Silvestru Magro; Mons. Rużar Borg.

Arċ. Eucaristico Sultana; Kapp. D. Salv Debrincat; Fr. Raymond Pace SJ; Fr. Konrad Grech SJ; Fr. Carmel Busuttil; Fr. Ant. Caruana; Mons. Lawrence Gatt; Fr. Paul Galea OP.; Fr. Frans Debrincat; Dun Charles Scicluna; Rev. Kapp. Alfred Camilleri; Saċ. Joseph Farrugia; P. Joe Buttigieg OFM Cap.; P. Salvino Galea; Can. Carmelo Cini; Can. John Bartolo; Saċ. George Borg; P. Serafin Borg OSA; Dun Raymond Vella; Fr. B. Sant; Fr. Mario Xerri; Fr. Edwin Agius; Fr. Augustine Grech; Fr. Dom Bonello; Mons. Salvatore Fenech; Fr. Salvino Vella; Dun Mikiel Attard; Fr. A. Busuttil; Fr. M. Zammit; Fr. Manwel Caruana; Dun Frans Abdilla; Fr. Ġorġ Farrugia; Saċ. Joseph Mercieca; Saċ. Fort. Axiaq; Dun Mikiel Galea; Fr. Joseph Camilleri; Rev. Raphael Gauci; Saċ. Victor Soler; Mons. Adolf Agius; Kan. S. Cauchi; Kan. M'Angelo Xerri; Can. Joseph Bonello; Fr. Samuel Abela; Fr. Carmel Degiofio; Fr. Norman Korsay; Fr. Alan Scerri OSA; Dun Angelo Buttigieg.

Arċ. D. Salv Muscat; Mons. M'Anġ Apap; Dun Ġorġ Vella; Fr. Carmel Curmi; Kapp. D. F. Debrincat; Can. P. Meilak; Can. S. Pace; Dun Karm Hili; Fr. Damian Cachia OC.; Dun Franġisk Saliba; Dun Salv Sultana; Can. Anton Refalo; Fr. Mario Vassallo; Fr. John Nolan; Dun Karm Attard; Fr. Saviour Azzopardi; Fr. Richard Stanley Grech; Arċ. Mgr. Anton Saliba; Dun Ġużepp Borg Attard; Arċ. Euc. Sultana; Dun Mario Cassar; Fr. Spiro Galea OFM. Cap.; Mons. Arċ. Salv Borg; Mons. Lawrenz Xerri; Mons. Gregorio Vella.

## ŻWIĠIJIET LI SARU FIS-SANTWARJU

Angelo Attard minn Kerċem u Janice Diane Parsons minn Wales; Pawlu Sultana mix-Xagħra u Ġemma Azzopardi mix-Xagħra; Moses Briffa minn Ħal Qormi u Natalina Grech minn Victoria; Joseph Zammit mill-Għarb u Anna Calleja mix-Xagħra; Vincent Saliba mix-Xewkija u Lucy Debrincat minn Kerċem; Francis Portelli mix-Xewkija u Doreen Vella minn Kerċem; Victor Cremona mix-Xagħra u Josephine Azzopardi mix-Xewkija; Emmanuel Pisani mir-Rabat (Malta) u Margaret Muscat minn Sannat; Mario Portelli mix-Xewkija u Carmen Hili mix-Xewkija; Michael Xerri mill-Qala u Mary Farrugia mix-Xagħra; Ġorġ Vella minn Victoria (San Ġorġ) u Salvina Grima minn San Lawrenz; John Fenech mix-Xewkija u Mary Spiteri mix-Xewkija.

Frankie Vella u Mary Muscat mix-Xewkija; Carmel Borg minn Sannat u Lucia Gauci minn Kerċem; John Mary Bugeja minn Kerċem u Beryl Eales minn Bromley (England); Joseph Fenech mix-Xewkija u Giorgina Vella minn Victoria.

## PREŻENTAZZJONIJIET TA' TRABI LILL-MADONNA

Alexandar Fava — San Ġwann; Christiana Azzopardi — Nadur; Christian Bajada — Għajnsielem; Amanda Borg — Mellieħa; Antoine Saliba Żebbuġ, (Malta); Darinha Maria Grech — Nadur; Geltrude Cassar — Qormi (Malta); Nicholas Formosa — Kerċem; Loretta Valletta — Tarxien; Maureen Borg — Xagħra; Georgette Rita Theuma — Canada; Sharon Polidano — Żurrieq (Malta); Christina Marie Micallef — Msida (Malta); Rudolph Zammit — Qormi (Malta); Marie Farrugia — Sannat; Sabrina Farrugia — Sannat; Janice Rapa — Għajnsielem; Stephanie Mallia — B'kara (Malta).

A.M.D.G.

# Servizz Soċjali bit-Telefon mill-Prayer Group "Madonna ta' Pinu"

*mis-6.30 p.m. sat-8.30 p.m.*

**Ċempel fuq dawn in-numri**

| IT-TNEJN | IT-TLIETA | L-ERBGĦA | IL-ĦAMIS | IL-ĠIMGĦA | IS-SIBT |
|---|---|---|---|---|---|
| TEL. NO. | TEL. NO. | TEL. NO. | TEL. NO. | TEL. NO. | TEL. NO. |
| 552608 | 554051 | 552608 | 551511 | 554051 | 551511 |

*Meta ċċempel staqsi għas-*"SERVIZZ SOĊJALI TA' PINU"

**Int Devot tal-MADONNA TA' PINU????**
**TRID tagħtiHa xi ĦIDMA voluntarja,**
**mas-SANTWARJU tagħHa ta' Pinu????**

*X'tista' tagħmel!!!*

* *"Servizz Soċjali bit-Telefon".*
* *"Kuntatti għall-Ħidma ta' Paċi".*
* *"Usher fil-Quddiesa tal-5.00 p.m. il-Ħadd".*
* *"Gwida matul il-weekend fil-Mużew ta' Karmni Grima jew ta' Frenċ ta' l-Għarb".*

*Jekk tħoss li għandek tgħin f'xi waħda minn dawn l-attivitajiet:*

- ***Kellem lir-Rettur tas-Santwarju,*** ***Mons. Dun Beneditt Camilleri.***
- ***Ikteb lis-Segretarja: Prayer Group "Madonna ta' Pinu", c/o Santwarju Ta' Pinu, Għawdex.***
- ***Attendi għal-laqgħa tal-Prayer Group "Madonna ta' Pinu" fir-4 Ħadd tax-xahar, fid-9.30 a.m. fis-Santwarju.***



IS-SANTWARJU TA' PINU MIBNI WARA LI L-MADONNA KELLMET LIL KARMNI GRIMA.

*"Il-Verġni Marija li mit-tħabbira tal-Anġlu laqgħet f'qalbha u f'ġisimha l-Verb t'Alla u ġabet il-ħajja lid-dinja, hu magħrufa u unurata bħala vera omm ta' Alla u tar-Redentur. Hi stess meħlusa b'mod sublimi, in vista tal-merti ta' Binha u Miegħu marbuta minn rabta iebsa li ma tinħallx, hi mgħonija b'uffiċċju l-aktar għoli u bid-dinjità ta' Omm tal-Iben t'Alla, u għalhekk bint maħbuba tal-Missier u tempju tal-Ispirtu s-Santu: u li minħabba dan id-don tal-grazzja l-aktar għolja tisboq b'mod kbir lill kreaturi l-oħra kollha fis-sema u fl-art. Hi madankollu marbuta flimkien mar-razza ta' Adam mal-bnedmin kollha fi ħtieġa tal-fidwa, anzi hi "tassew omm tal-membri (ta' Kristu) ...għaliex ikkooperat bl-imħabba għat-twelid tal-fidili tal-Knisja, li ta' dak ir-Ras huma membri". Għal dan hi magħrufa wkoll bħala l-membru singulari u ewlenija tal-Knisja u figura tagħha u mudell l-aktar perfett ta' fidi u ta' karità, u l-Knisja Kattolika, mgħallma mill-Ispirtu s-Santu bl-imħabba ta' pietà ta' bint tiveneraha bħala Omm l-aktar maħbuba".*

*(Mill-Kostituzzjoni Dommatika "Lumen Gentium")*